

San Franġisk t'Assisi

Li ħalla b'wirt

Lil uliedu

Il-ħarsien tal-Art Imqaddsa

Tal-Palestina



Il-Ħmistax-il-Sena OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1969 Għadd 4.

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

LEĦEN

# L-ART IMQADDSA

QARI

LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR

MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." — Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

**Il-Ħmistax-il-Sena OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1969 Għadd 4.**

X'FIH DAN IL-GĦADD

IL-VERB TLAĦĦAM...... U GĦAMMAR FOSTNA (Id-Direzzjoni) 97

**L-EWWEL TAQSIMA — DAWL**

Sura Kbira Biblika — Mosè ... ... ... ... ... ... 98
L-Istilla tal-Fidda Misruqa f'Betlehem (P.A. Arco O.F.M.) ... ... 102
Betlehme fil-Jiem tal-Milied u tat-Tre Rè (P. Tonin) ... ... 106
Il-Mirkeb fi żmien il-Bibbja (P. Norbert Ellul Vincenti O.F.M.) ... 110
Il-Bir ta' Ġakobb jew tas-Samaritana (P. Mikiel Catania O.F.M.) 113

**IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA**

Karlu l-Kbir, Re tal-Franki u l-Art Imqaddsa (P.N.C.M.) ... ... 117
Ir-Rabta taż-Żwieġ fost il-Musulmani ... ... ... ... ... 121
Pawlina tal-Markiżi ta' Nikolay (P.N.M.) ... ... ... ... 124
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... 127
Mejtin ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 128

*Direzzjoni:* W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni:* R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# U L-VERB TLAHHAM...
# U GHAMMAR FOSTNA

*F'dak iż-żmien tnieda digriet minn Cesri Awgustu biex tinkiteb id-dinja kollha. Din l-ewwel li saret meta kien Kirinus gvernatur tas-Sorija. U kienu jmorru kollha jinkitbu, kull wieħed f'beltu. Tela' Ġużeppi wkoll mill-Galilija, mill-belt ta' Nazaret, fil-Lhudija, fil-belt ta' David, li jisimha Betlehem, billi hu kien mid-dar u mill-familja ta' David, biex jinkiteb ma' Marija, l-għarusa tiegħu, li kienet tqila. U meta kienu hemm għalqilha ż-żmien li teħles, u wildet l-ewwel tifel tagħha u fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm wisa' għalihom fil-Qhan (fil-lukanda). Kien hemm xi ragħajja f'dik in-naħa jgħaddu l-lejl fir-raba' u jħarsu l-imrieħel tagħhom. Dehrilhom anġlu tal-Mulej, u sebħ il-Mulej idda madwarhom, u qabadhom biża' kbir. U qallhom l-anġlu: "La tibżgħux! għax, ara, sa nħabbrilkom ferħ kbir, li jkun għall-poplu kollu. Tweldilkom il-lum fil-belt ta' David. Hellies, li hu l-Messija, il-Mulej. U dan ikun għalikom għelm: issibu tarbija mfisqija, mimduda f'maxtura". U dlonk ingħaqdet ma' l-anġlu kotra ta' qtajja' tas-sema jfaħħru 'l Alla u jgħannu: "Sebħ 'l Alla tas-smewwiet, u sliem fuq l-art lill-bnedmin ta' rieda tajba!"*

*Malli telqu l-anġli minn ħdejhom lejn is-sema, ir-ragħajja bdew igħidu lil xulxin: "Ha mmorru sa Betlehem u naraw dil-ħaġa li ġrat u li l-Mulej għarrafna". U marru jgħaġġlu, u sabu lil Marija u lil Ġużeppi u t-tarbija mimduda fil-maxtura. Malli raw, ħabbru dak li kienu qalulhom fuq dik it-tarbija. U dawk kollha li semgħu baqgħu mistagħġbin b'dak li qalulhom ir-ragħajja. U Marija kienet iżżomm dan kollu f'moħħha u taħseb fuqu f'qalbha. U reġgħu r-ragħajja lura jsebbħu u jfaħħru 'l Alla għal kull ma semgħu u raw, bħalma qalulhom.*

(San Luqa: II, 1-20).

*ID-DIREZZJONI.*

## L-Ewwel Taqsima — DAWL

# SURA KBIRA BIBLIKA

## MOSE'!

### *L-għajnejn li raw!...*

Fi żmien qasir ħafna, il-lhud, ulied Iżraeli, li kienu jgħammru fl-art ta' Ġessen, milqugħin b'għoġba minn dawk ta' l-Eġittu u mlaqqgħin minn ħabtiet ta' siwi għalihom, kienu kibru hekk fil-għadd li kienu bdew iħassbu lill-mexxejja ta' dak il-pajjiż kburi. Kollox kien jagħti x'wieħed jaħseb, li mhux bogħod dak il-jum li fih ulied Iżrael ikunu ta' theddida għalihom, jew ukoll li jaslu jieħdu taħt idejhom il-ħakma ta' dik l-art li fiha kienu ġew milqugħin b'għoġba u li hemm kienu jgħixu mħarsin bħala biss għorba, anzi, 'l hawn u 'l hemm, kultant kienet tinħass xi ċaqlieqa jew xi theddida li turi li t-tiġrif kien hekk fil-qrib li kien jinħtieġ li l-Mexxejja kellhom dikment jilqgħulu; kien jinħtieġ, bla dewmien, indħil mill-ogħla kbarat tal-pajjiż li jiflu sewwa u jqisu l-għana u l-ġid ta' dawk l-imkejjen u jfasslu mod ta' kejl u ta' qies għall-ekonomija soċjali. U dan, tabilħaqq, inħaseb biex jitwettaq bla dewmien:— l-ewwelnett, ġie mniedi bħala amar ta' tgħakkis għal xogħol iebes, bħal ma hu bini ta' bliet u rħula u xogħol tal-biedja; it-tieninett, bħala liġi ta' qerda għall-poplu lhudi, billi ngħata amar iebes lin-nisa qwiebel lhud li għandhom joqtlu lis-subien kollha li jitwieldu min-nisa kollha lhud minnhom mmegħjunin fil-ħlas tagħhom. Misjubin iżda, mhux biżżejjed utieqi għal għan mifhum mill-Mexxejja tal-Eġittu, ġiet imnedija liġi oħra aktar kiefra u ta' qerda:— lil kull eġizzjan ġiet mogħtija setgħa li jgħarraq fl-ilma tax-xmara Nil kull tifel li jkun twieled minn mara lhudija fl-art ta' l-Eġittu.

Hi ħaġa minn ewl id-dinja: fit-tfixkil, fit-tgħakkis, u fil-jasar il-bniedem u l-poplu jibdew jidħlu fihom infushom. Jibda jifli qagħdatu, ifittex l-għaliexijiet ta' jasartu; jibda jqis u jistħarreġ qawwietu, u jfittex jingħaqad ma' oħrajn bħalu u jagħmel biex jfittex il-ħelsien tal-jasar tiegħu. U hekk kellu jiġri, u ġara mill-poplu lhudi fl-Eġittu. Ma kienx jista' jkun li l-poplu lhudi, maħtur minn Alla biex jaqdi missjoni kbira joqgħod u jibqa' mjassar imgħakkes taħt l-għedewwa tiegħu. Il-jasar, it-tgħakkis u n-niket li ġarrab taħt il-ħakkiema tiegħu qanqlu fih ix-xenqa tal-fidwa, u l-għodda mħaddma għall-qerda tagħhom switilhom bħala ħaġa ġdida għall-akbar ġejjieni tagħhom ta' ġieħ u ta' glorja.

Hi ħaġa wkoll vera u biżżejjed magħrufa: ix-xmajjar bil-kotra ta' l-ilmijiet ġirja tagħhom sa minn dejjem, u llum ukoll, għenu b'mod l-aktar qawwi għas-siwi ta' ġrajjiet kbar u storiki li fihom jew minnhom twetqu; huma dejjem issieħbu b'qawwiethom kollha għal kobor ta' dawk il-ġnus li ħatru qagħdithom ma' tul il-mixi ta' ilmijiethom: Hekk ġara ma' tul ix-xtajta tal-Kange fl-Indja, ma' tul it-Tigri fl-Asja, ma' tul l-Ew-

frati fit-Turkija, it-Tevere fl-Italja u n-Nil fl-Eġittu. U hekk ukoll ma setax jonqos li jiġri għall-poplu ta' Iżraeli ma' tul in-Nil, li miegħu, ma' tul in-Nil kien rabat il-ġejjieni tiegħu ta' wlied Ġakobb, waqt li hekk kabbarhom fil-għadd u fil-qawwa li waslu jkunu ta' theddida għall-ħakma ta' l-Eġittu. U jewwilla, mhux l-istess sultan Faragħuni kien, li qiegħed ixxmara Nil taħt il-ħarsien ta' Osiride, alla ta' l-Eġittu, b'dik is-setgħa li jilqa' fi ħdan ilmijietu lil dak, li hu nnifsu jkun għaraf u ra b'għajnejh stess l-għeġubijiet li jkun wettaq u temm għall-ħelsien ta' ġensu maħqur u mjassar? In-Nil, tibżax, bil-moħbiet u bil-liwiet tiegħu, jagħraf iħares bilkif il-kannezz maħdum mill-qasab talbamboo, mitbuq tajjeb minn ġewwa u miksi bil-qatran u li ġo fih tarbija ta' tliet xhur, kif għalqitu u fdatu fuq dak l-ilma tiegħu Ġakobetta, u hu, in-Nil, iva, jħarsu b'għoġba sakemm jerġa' jroddu lill-art u, bl-indħil ta' ħniena mill-istess prinċipessa, bint Faragħuni, jiġi afdat sakemm jikber, f'idejn il-makakka, imma wisq għaqlija ommu Ġakobetta: — **"Ħu din it-tarbija, reddagħha bil-ħalib ta' sidrek għalija: Jiena nħallsek tajjeb".** — Anzi, il-prinċipessa bint Faragħuni tieħdu bħala binha u ttieh isem li jibqagħlu kbir fost il-kbar ta' l-Istorja tad-dinja: **"Ġbartu mill-ilma, mela jissemma MOSE'!, jiġifieri "meħlus mill-għarqa".**

Mill-qari tal-ħajja tal-Ħellies tal-poplu t'Alla, kif inhi miktuba fil-kotba tal-Ħruġ u tal-Levitku, wieħed għandu jistagħġeb u maħkum donnu mill-ħidma bla qies mitmuma minn bniedem, li kien qisu mormi sa mill-bidu ta' ħajtu, mitluq qalb l-ilmijiet tan-Nil sabiex jegħreq, donnu kien jidher li kellu jkun bniedem ta' ftit jew xejn ħila, ta' ftit jew xejn ġieħ, wisq inqas minn dawk il-ħafna lhud oħra pajżani tiegħu kkundannati għal xogħol baxx u iebes f'dak il-bini tal-għaġeb li kellu jfakkar għal dejjem il-ġieħ għoli tas-Slaten ta' l-Eġittu.

L-opra ta' kobor u mill-aktar tal-għaġeb imwettqa mil-Leġislatur tal-poplu lhudi hi d-dokument l-aktar ta' ġieħ u li juri, b'xhieda mill-aktar ta'reqqa, it-tqanqil ta' ruħu bla sabar, iċ-ċaqlieq ta' ġismu bla ebda serħan u l-ħsus ġewwenija ta' kburitu nazzjonalist iżraelita aħrax, li minnu ntwiret dak l-għatx ta' ħaqq u ta' ġustizzja, għalkemm imrobbi u mħarreġ fil-Qorti tal-prinċipessa bint Faragħuni. Huwa, Mosè, bil-maqlub ta' oħrajn bħalu, imħarrġin fil-Qorti tas-sultan, għonja u ta' dehen u ħila, għalihom biżżejjed li jgħixu qalb il-ġid, il-ġieħ u l-intrigi tal-Qorti, hu, Mosè, iħoss li għandu jkun, u hu tabilħaqq id-difensur u l-ħarsien tal-imsejkna mgħakksin u maħqurin: **"Min qegħdek bħala mħallef u sultan tagħna? Trid jewwilla toqtolni bħalma l-bieraħ qtilt lil dak l-eġizzjan?"** Hekk qallu wieħed Iżraelita, waqt li huwa kien daħal biex iraqqad ġlieda fost żewġ lhud. Mosè kien twieled għalhekk; għal dan kien iddestinat; u dan tassew kellu jaqdi. U fuq l-għolja tal-Horeb jieħu 'l hekk imsejħa "investitura: **"Mosè, Mosè".** — **"Hawn jien".** — **"La tersaqx 'il quddiem sa hawn: inża l-qorq minn saqajk, għax l-imkien fejn inti hu art qaddisa . . . Rajt in-niket tal-poplu tiegħi fl-Eġittu; smajt l-għajjat tiegħu għax-xogħol iebes li qed iġarrab . . . u ġejt biex neħilsu minn taħt il-madmad tal-Eġizzjani, u nieħdu minn dik l-art f'art oħra tajba u kbira, f'art li fiha hemm kotra ta' ħalib u għasel, fil-pajjiżi tal-Kananej tal-Hetej, tal-Amorrej, tal-Fereżej, tal-Hevej, u tal-Jebusej. It-tnehid ta' wlied Iżrael wasal sa**

**f'widnejja u rajt kif hu mnikket taħt l-Eġizzjani. Ejja, immela, ħa nibgħatek għand Faragħuni, biex teħles il-poplu tiegħi, ulied Iżraeli, mill-Eġittu''**. U Mosè, għalkemm itemtem, jilqa' fuq qalbu din il-għolja u tqila missjoni u jmexxi l-poplu tiegħu, qalb ħafna tfixkil sa truf dik l-art li tkun tiegħu, għal kollox tiegħu! U sewwasew, il-wetqa ta' din l-għolja u tqila missjoni li tikxef u turi b'dija S-SURA WAĦDANIJA fl-Istorja ta' dan ir-Ragħaj serju tad-deżert mikwi tas-Sinaj; u li tibqa' tfakkar għal ma' tul iż-żminijiet kollha dawk l-għemejjel tiegħu ta' ġieħ u ta' glorja ta' bla tmiem, wisq aktar minn dawk ta' Ċesri, ta' Napuljun, ta' Soloni u Ġustinjani.

Mosè hu l-bniedem **tal-għeġubijiet,** għax bil-pjagi tal-għaġeb li hedded u għakkes lil Faragħuni, dan hallieh joħroġ il-poplu tiegħu mill-Eġittu; hu **l-mexxej** għaqli u ta' ħila, li quddiem il-ġgajtiet minnu mmexxija nfetaħ imnixxef mill-ilmietu l-Baħar l-Aħmar; hu **t-tawmaturgu,** li bit-talba setgħana tiegħu l-art tal-barr żegħdet bis-summien u bil-manna, u l-blata samma tal-Horeb nixxiet ilma bnin u mill-iżjed utieq; hu **l-Kap Dehni,** li ġieb rebħa fuq l-Amaleċiti, fuq is-sultan Arad, fuq l-Amorrej u fuq il-Madjaniti; hu **l-leġislatur** ta' wiċċu jiddi b'żewġ raġġi divini li għamlu ragħaj u mexxej ta' mġieba qalila u għakkies dehni tan-nuqqasijiet tal-poplu t'Alla. Hu **s-Sura l-aktar kbira** tar-Rabta l-Qadima! L-ebda ħaġa fid-dinja ma għandha ħila turina sewwa l-kobor u l-għana tad-doni tar-ruħ ta' Mosè! Ħarsu daqsxejn, lejn Mosè mnaqqax fl-irħam mill-kbir Mikelanġlu, u taslu forsi xi ftit ikollkom ħjiel ta' l-għolja majestà tiegħu, tal-felħana u ġgantija surtu u, aktarx ukoll, tal-ħila tiegħu dehnija fuq dik ta' kull bniedem ieħor!

Tnejn huma l-ġrajja sisien li l-aktar jolqtu fil-ħajja ta' Mosè, personifikazzjoni tal-poplu lhudi, u t-tnejn, għax tgħid?, huma marbutin ma' żewġ xmajjar sagri. L-ewwel waħda hi x-XMARA NIL, li laqgħatu ta' tliet xhur fuq ilmietha u li tagħtu dik li ''stamina'' biex 'il quddiem ikun jista' jilqa' dawk it-tbatijiet, tgħakkis u tfixkil li kellu jkollu mir-rieda, xejn sħieħa ta' Faragħuni u, l-iżjed imbagħad, minn dik ir-ras iebsa u insolenti ta' l-istess poplu tiegħu u li huwa stess kontra qalbu kellu jgħanni:

''Sabu f'art barrija,
f'imkien ta' biża' u ta' ħemda;
mexxieh u għallmu,
ħarrsu bħala pupilla ta' għajnejh.
Bħal ajkla li tgħallem jittajru l-uliedha ż-żgħar.

u hu għola fuqhom
firex ġwenħajh Javeh, għolla l-Iżraeli,
u refgħu fuq spallejh.
Javeh waħdu kien il-Mexxej tiegħu,
ebda alla ieħor barrani ma kien miegħu.

Qiegħed lill-Iżraeli f'art għanja,
biex jiekol mill-frottijiet tar-raba',
iduq l-għasel li jsir fl-għoljiet,
u ż-żejt li jnixxi mill-ħaġra iebsa,
butir li jagħtu l-bhejjem, u l-ħalib mill-imrieħel,
il-grass tal-ħrief u tal-imnaten ta' Basan,
u jixrob l-aktar demm ġenwin jingħasar mill-għeneb.

Iżda, il-maħbub (poplu) simen, u ta bis-sieq:
imħaxxen, imsemmen, għani f'surtu u f'saħħtu,
telaq 'l Alla, tiegħu ħallieq,
infired mn'Alla, saħħa tiegħu."

It-tieni waħda hi x-xmara ĠURDAN, li bil-mixi milwi 'l hawn u 'l hemm tiegħu, jferrħu fi xjuħitu, meta ġa għandu 120 sena. "Mill-witja ta' Moab, Mosè tela' fuq l-għolja Nebo, sal-quċċata ta' Fasga, li hi kontra Ġeriko", ftit 'il fuq it-tarf xerqi tal-Baħar il-Mejjet, mnejn dlonk tidher in-naħa tal-witja għolja tat-Transġurdanja; minn hemm Mosè jitfa' daqqa t'għajn 'l isfel fil-wied ta' taħtu u, minn bejn il-qċaċet għoljin tal-iġbla tal-Palestina, jilmaħ, jara u jitpaxxa b'xejra mistika bid-dehra, qisha tal-ġenna, li hi l-ART IMWEGĦDA! Il-qalb tiegħu, Mosè, xiħ ta' 120 sena, għalkemm għadha taħraq bl-akbar zelu għal ġieħ Javeh u għal ġid tal-poplu tiegħu, għad-dehra ta' l-Art Imwegħda, ma felħitx iżżomm bit-taħbit; waqqfet mit-taħbit tagħha, u minn hemm ittajret tistrieħ fil-ħdan t'Abram. "**Il-Mulej ħallieh jara l-art kollha ta' Galaad, sa Dan, Neftali kollha, l-art ta' Efrajm, u ta' Manassi, u l-art kollha ta' Ġuda sal-baħar, il-pajjiżi tan-nofs u l-firxa kollha tan-naħa ta' Ġerku, li hi l-belt imsejħa tal-Palm, sa Segor" . . . "Din hi l-Art, li għamiltha b'ħalfa lil Abram, Iżakk u Ġakobb, u għidt: "Nagħtikom għall-uliedkom. — Ara, inti rajtha b'għajnejk, imma le tidħol fiha".**

Il-ħolma ta' Mosè hi mitmuma, għajnejh raw tajjeb il-ġid mixtieq ma kellux igawdieh; imma dawl divin misterjuż jiddi quddiem għajnejh ta' profeta jibqa' għal dejjem iżommu jitpaxxa sa dak il-ħin li minn din l-Art Imbierka, il-Ħajja, il-Verità u t-Triq tiġi tieħdu magħha minn qabru "fil-Wied tal-pajjiż ta' Moab li hu kontra l-Foġor".

## ĠIĦA U LEĦJITU

Wieħed li kellu leħjitu ħafifa ħafna ltaqa', darba waħda, ma' Ġiħa u biex jgħaddih biż-żmien qallu: "Mgħallem Ġiħa mnejn mort ġibtha dik il-leħja mimlija mimlija? Mnejn, ja xiħ, iva, mort ġibtha dik il' qabda xagħar li għamlitek qisek barbaġanni?"

"Għalqa tajba tagħti frott tajjeb b'kotra kbira", wieġeb Ġiħa, "imma għalqa ħażina tnibbet kemm kemm u rari għammiela!"

# L-ISTILLA TAL-FIDDA MISRUQA F'BETLEHEM FL-1847

## U LI SWIET TA' PRETEST GĦALL-GWERRA TAL-KRIMEA

Fil-bażilka tat-Twelid hemm wieħed mill-aktar tifkiriet qaddisa tad-dinja: l-Imkien eżatt fejn twieled il-Feddej Ġesù, magħluq, bħala ħaġra mill-aktar li tiswa, fl-għar li jiġi sewwasew dak taħt il-presbiterju tagħha.

Minn tliet ibwieb tista' tgħaddi għall-Għar Imqaddes: minn tnejn li jagħtu għall-presbiterju; mit-tielet, li hu minn taħt l-art, jinfed għall-għerien jew kappelli ta' S. Ġużepp u ta' l-Innoċenti. Dan it-tielet wieħed kien ġie miftuħ, fis-seklu XV, mill-Patrijiet Franġiskani, li kienu xtaqu jkollhom mogħdija u dħul dirett li jagħti mill-Kunvent tagħhom għall-Għar tat-Twelid.

Fil-Għar hemm żewġ imkejjen mifrudin: l-Imkien fejn twieled il-Bambin Ġesù u l-maxtura tal-ġebel, miksija bl-irħam, fejn Marija meddet lill-Binha, u li quddiemu hemm altar li jfakkar l-adorazzjoni tas-Slaten Maġi.

F'dak l-Għar Imqaddes dak li l-aktar jolqot l-għajnejn taż-żawwaj devot hi l-istilla kbira mqegħda sewwasew fejn twieled Ġesù. Hi stilla tal-fidda, imsammra mal-qiegħ ta' l-art fl-irħam, ta' qies ta' 56 ċentimetru, b'kitba **bl-ilsien latin,** u li tgħid: "**Hic de Virgine Maria Jesus Christus natus est — 1717**" ("Hawn, mix-Xbejba Marija twieled Kristu Ġesù — 1717"). L-istilla li hemm il-lum qegħda fl-istess imkien li kienu oħrajn ta' qabilha u li kienu bħala minn żmien is-Salibijin 'il quddiem

Żgur, it-tieba u l-imħabba tal-Insara ma setgħux juru aħjar l-Imkien fejn twieled Ġesù iżjed minn stilla prezzjuża. Mhux jewwilla l-istess Ġesù kien imgħarraf qabel ma twieled bi stilla li timbet minn Ġakobb? U mhux stilla wkoll mexxiet lill-Maġi mill-bogħod tax-Xerq għal fuq in-nieqa li fiha twieled? U hekk kien jixraq l-istilla wkoll tibqa' tfakkar u turi l-Imkien fejn twieled Ġesù.

L-aħħar żewġ stilel, dik ta' 1717 u dik li hemm il-lum, ma' tul iż-żminijiet, fittxew jew dejjem jinqdew bihom il-Griegi Ortodossi biex jaslu jtajru kull għelm bil-latin mis-Santwarji Qaddisa ta' l-Art Imqaddsa. Għalhekk b'din il-kitba tagħna hawnhekk nifhmu li nagħtu il-ġrajjiet li minnhom għaddiet din l-aħħar stilla, u b'hekk, fl-istess ħin, inpaxxu x-xewqa ta' dawk il-qarrejja tagħna li mhux darba u tnejn staqsewna fuq din il-biċċa storja ta' l-istilla bil-kitba latina fejn twieled il-Feddej tagħna divin.

* * *

L-**Istilla** li naraw il-lum fuq dak il-Imkien Imqaddes iġġib id-data 1717, li ma taqbilx mad-data ta' meta kienet ġiet maħduma: din kienet ġiet maħduma u mqegħda hemm fl-1853; imma tqegħdet hemm — xbieha fidili — minnflok dik ta' 1717, li kienet insterqet minn lokha fl-1847.

Dawk li serquha kienu l-Griegi Ortodossi, Xiżmatiċi. U din hi ħaġa żgura li tidher mill-ewwel: dawn fl-1757 kienu wettqu ħafna minn dan is-sura ta' serq bit-tkeċċija tal-Patrijiet Franġiskani mill-Qabar tal-Madonna mill-proprjetà esklusiva tal-Qabar ta' Kristu u tal-Għar tat-Twelid. Igħidu t-Taljani: "L'appetito vien mangiando"; u hekk ġara hawn. Dażgur! Ma kinetx ħaġa sabiħa għali-

hom, anzi kienet ħaġa ta' għajb li tara fuq il-lok tat-Twelid ta' Kristu "Stilla b'kitba latina" mqegħda hemm mill-Patrijiet Franġiskani fl-1717 f'dak l-Imkien Imqaddes li hu proprjetà esklusiva tagħhom.

Qatgħuha, għalhekk, li bid-dnewwa għandhom itajru għal dejjem dik il-kitba li turi biċ-ċar il-proprjetà latina. U għal dan taw is-salt kemm-il darba: fl-1842 u, mill-ġdid, fl-1845, qalgħu minnha xi msiemer tal-fidda li bihom kienet imwaħħla ma' l-art, imbagħad fl-aħħarnett, fil-31 ta' Ottubru ta' l-1847, ġew misruqa u msiemer u stilla wkoll. Ma' dawn insterqu wkoll ħwejjeġ oħra ħafna għeżież u ta' kbir siwi, bħal ma huma ż-żewġ kwadri tal-Murillu, li kienu żina tal-Għar Imqaddes, li ħaduhom fil-monasterju ta' San Saba, li hu fid-deżert ta' Ġuda, 15-il kilometru bogħod minn Ġerusalemm. Ta' dan, fost l-oħrajn, għandna xhieda l-P. Cassini minn Pernaldu, li f'dak iż-żmien kien f'Ġerusalemm, u dan igħid: **"Kien fil-għaxija tal-31 ta' Ottubru, fil-Vġili tal-Qaddisin kollha, li . . . . (il-Griegi) inqdew b'dik l-okkażjoni biex ineħħu dik l-Istilla . . . , ħaduha bħala trijonf fil-monasterju ta' San Saba".** U din ix-xhieda ġiet imseddqa mill-ġurnalista lhudi T.F. Meysels, ftit qabel l-1949, waqt żjara li hu nnifsu kien għamel f'dak il-monasterju, qal: **"Rajt b'għajnejja dik l-Istilla mkebba fil-karti".**

* * *

Hu x'inhu, is-serq ta' dik l-Istilla qajjem plejtu kbir u ndaħlu fih monaki, patrijiet, nies diplomatki u l-awtoritajiet tat-Torok. Il-Griegi — li huma nfushom li serqu l-Istilla — ġiebu ruħhom kif drawwiethom: riedu jidhru bħala vittma. Marru għand il-Gvernatur ta' Ġerusalemm, Mustafà Zarif, u xlew lil-Latini bis-serq ta' l-Istilla "tagħhom!" Kitbu wkoll ittra li biha talbu lill-Konslu Ġenerali tar-Russja f'Bejrut, sabiex jieħu ħsiebhom hu u jħarishom.

L-Irħieb Franġiskani, mgħejjunin biss mill-Konslu Franċiż ta' Ġerusalemm u mill-Ambaxxatur Franċiż ukoll f'Kostantinopli, talbu biss li "minnflok l-Istilla l-misruqa, issir u titqiegħed oħra ta' l-istess kobor, ta' l-istess qies u bl-istess kitba latina". Din it-talba tal-Franġiskani, ġiet milqugħa mill-Awtoritajiet tat-Turkija, meta dawn raw li għalxejn ma sewa it-tfittxijiet biex jinsabu l-ħatjin tas-serq ta' l-Istilla. Għalhekk, fis-sena 1852, is-sultan Abd El-Magid amar b'kitba: **"Li tingħamel kopja eżatta ta' l-Istilla misruqa u tkun imqegħda minnflok l-oħra".**

F'Kostantinopli, biex jidher uffiċjalment għall-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa quddiem is-"Sublime Porta" kien hemm il-Patri Ġużeppi Llaurado, u dan ġie mqabbad biex jagħmel li **"tinħadem Stilla fuq l-istess mudell ta' dik li kienet insterqet".** Ix-xogħol ġie maħdum mis-Sur Ġakbu Anderlich, u l-piż tal-fidda hu ta' 496 drakma: swiet b'kollox 3,300 pjastra torka. Il-prezz sħieħ ġie mħallas mill-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, madankollu, is-sultan ried iqis u juri li din l-Istilla l-Ġdida hi bħala rigal mogħti minnu: **"Tifkira solenni min-naħa tagħna lin-nazzjon nisranija".**

* * *

U fl-aħħarnett wasal il-ħin li l-Istilla l-ġdida titqiegħed f'dak l-istess imkien fejn kienet dik il-misruqa fl-1847. U hawn l-aħjar ħaġa tkun li nħallu lill-Kronista tal-Kunvent ta' Betlehem igħidilna hu kif tassew kienu ġraw il-ħwejjeġ. Dan igħid hekk:

"Fit-22 ta' Diċembru 1852, għal ħabta tas-sagħtejn fuq nofs inhar, waslu f'Betlehem il-Paxà ta' Ġerusalemm, il-Kummissarju Alif Bey, minn-

flok is-Sultan ta' Kostantinopli, il-Kadì, ma' oħrajn tad-Divan ta' Ġerusalemm u, ftit wara, il-Konslu Franċiż Paul-Emile Botta, ma' personal tal-Kanċillerija tiegħu. Dawn, wara li ħadu l-kafè u xorb u ħelu fis-salun tal-kunvent franġiskan, ilkoll flimkien telqu għall-Għar tat-Twelid; u hemm, bil-qiegħda fuq id-divan imhejji qabel mill-Franġiskani b'amar tiegħu stess, il-Paxà ta' Ġerusalemm amar li jissejħu wkoll il-Griegi, li dawn imma ma ġewx u nagħalqu fil-Kunvent tagħhom. L-Armeni wkoll, wara li qiemu u mxew bix-xama' mixgħula f'idejhom lil Paxà u lis-Sinjuri l-oħra sas-Santwarju, reġgħu lura u ma dehrux iżjed. Wara li ġraw dawn il-ħwejjeġ, il-Paxà fetaħ sorra ssiġillata, li ġo fiha kien hemm l-Istilla li kien ġagħal tintagħmel il-Kummissarju tagħna f'Kostantinopli, P. Ġużepp Llaurado, li qamet aktar minn 3,000 piastra, jew 150 "columnados" (flus spanjoli). Il-Paxà kien ġieb miegħu minn Ġerusalemm il-ħaddiem id-deheb, raġel kattolku latin, imma mingħajr ma kien qallu għalfejn ġiebu, u għalhekk, dan ma ġiebx miegħu l-għodda meħtieġa għal dak ix-xogħol. B'hekk l-Istilla ġiet imsammra b'imsiemer tal-ħadid — b'rashom irbattuta b'erbatax-il munita tal-fidda — u b'imsiemer tal-fidda żgħar li kellu dak il-ħaddiem il-fidda, ġew imsammra wkoll l-imrieżaq (ir-raġġi) tagħha. Meħlusa dil-ħaġa, wara li ħadu kafè, ħelu u xorb ieħor, telqu lura lejn Ġerusalemm, mingħajr ma ħallew la ebda firman jew xhieda legali tal-ħaġa".

Hu x'inhu, wara hekk taħbit, tħassib, tfixkil u għoti ta' flus biex titqanqal tagħmel dmirha l-ġustizzja tal-gvern tat-Turkija, l-Irħieb Franġiskani, Missjunarji ta' l-Art Imqaddsa, qalgħu dak li xtaqu. B'daqshekk iżda, taħsbux li qatgħu qalbhom il-Griegi Ortodossi! Mela x'inhu! . . . . Kien jidhrilhom għajb kbir għalihom iħallu oġġett b'kitba bħal dik li juri hekk biċ-ċar il-jeddijiet tal-latini fuq l-Imkien tat-Twelid ta' Ġesù, u li jfakkar bla ħeda dik is-serqa minnhom mitmuma fl-1757!

Għalhekk huma, il-Griegi, fl-4 ta' Jannar 1864 reġgħu taw salt ieħor biex itajru l-Istilla minn dak l-imkien u għaldaqsxejn ma waslux għal ħsieb tagħhom, hekk li kellu jindaħal il-Paxà ta' Ġerusalemm biex iqiegħed il-ħaġa f'lokha u jġagħal titwaħħal mill-ġdid l-Istilla ma' l-art. Ħames snin wara, bil-lejl fid-19 ta' Mejju 1869, tliet irġiel imħallsin mill-Griegi, għal ftit ma waslux fil-ħsieb tagħhom, li kieku ma kienx Reliġjuż Franġiskan li, imħasseb minn xi taħbit mhux tas-soltu ġej mill-Għar tat-Twelid, u dlonk ta l-allarm: dawk it-tliet irġiel kienu ġa qalgħu żewġ raġġi tal-Istilla. Fl-istess sena, fit-2 ta' Novembru, 20 ruħ daħlu fis-Santwarju u ħalfu li jtajru l-Istilla, iżda sabu l-għassiesa, li żammewhom. Fl-14 ta' Ġunju 1908, wieħed żawwari russu, tajjar mill-Istilla żewġt imsiemer, u xi sena wara xi msiemer ukoll ġew imtajra u misruqa. Biss fis-snin 1949 u 1950, wara ħafna taħbit u talb tal-Patrijiet Franġiskani, l-Awtoritajiet tal-Ġurdanja ssodaw l-imsiemer u żiedu dawk li kienu ġew neqsin, waqt li kienu hemm il-Gvernatur ta' Betlehem, uffiċjali oħra tal-Gvern ta' Amman, u wkoll rappreżentanti tal-Komunitajiet tal-Latini, tal-Griegi u tal-Armeni.

* * *

Mhux darba u tnejn intqal u nkiteb li "l-għibien ta' l-Istilla fl-1847" kien DAK li minħabba fih saret il-gwerra tal-Krimea; iżda, jkun aħjar li wieħed igħid, **dak biss kien okkażjoni jew pretest biex imbdiet il-gwerra.**

Ir-Russja, li sa minn 30 sena qabel,

kienet tfittex li tikseb indħil fl-Imperu Tork, fl-affari tas-serq ta' l-Istilla rat **Okkażjoni floka** biex tista' twettaq il-ħolma tagħha: "li tikseb li jkollha **l-ħarsien (protettorat) fuq it-12-il miljun "Ortodossi" mxerrdin ma' l-Imperu Tork".** Għal dan ir-Russja għamlet minn kollox u rasset kemm setgħet lis-"Sublimi Porta" sabiex is-Santwarji Imqaddsa misruqin lil-Latini Kattolki fl-1757 jibqgħu f'idejn il-Griegi ortodossi jew xiżmatiki; anzi rat kif għamlet biex ixxejjen ix-xogħlijiet tal-Kummissjoni li kienet tistudja l-punt ġuridiku tal-kwistjoni tal-Imkejjen Imqaddsa: kummissjoni, li mill-istudji li kienet ġa għamlet, kienet dehret ġa favur il-Patrijiet Missjunarji Franġiskani.

Fl-1852, ir-Russja qalgħet mingħand is-Sultan "firman" li jwettaq is-serqa Griega ta' bla mistħija ta' l-1757, waqt li nżamm fis-saħħa tiegħu dak l-inġust **"status quo",** li għadu jsehh sal-lum. Mhux xebgħan b'dan kollu iż-Zar, fi Frar tal-1853, bagħat għand is-Sultan ambaxxata mill-aqwa, immexxija mill-Pinċep Menschikoff, biex titlob lis-Sultan, fuq kollox, **"l-għarfien tal-jedd tal-ħarsien ta' l-ortodossi kollha fl-Imperu Tork".** Is-Sultan, mgħejjun minn Franza u mill-Ingilterra, ċaħad għal kollox it-talba tar-Russja u, fit-22 ta' Mejju, Menschikoff ħalla Kostantinopli, wara li kiser ir-relazzjonijiet diplomatiki mat-Turkija.

Il-ġrajjiet, imbagħad, imxew b'għaġla kbira: fit-3 ta' Lulju r-Russja daħlet fil-prinċipati tal-Moldavja u l-Valakja; u fis-16 ta' Novembru li skwadra torka ġiet imxejna fil-Baħar l-Iswed; f'Jannar tal-1854, indaħlu Franza u l-Ingilterra bl-iġfna tagħhom igħinu lit-Turkija, u l-gwerra ħadet qagħditha fil-Krimea. Ukoll li stat tal-Pjemonti ħa sehem fil-gwerra jgħin lit-Turkija. Sentejn wara, ir-Russja tat ruħha b'mirbuħa, u fil-Kungress ta' Pariġi, bit-trattat tat-30 ta' Marzu 1856, saret il-paċi.

* * *

Hu ta' min jifhem: dak il-Kungress ta' Pariġi seta' jiswa ta' vera okkażjoni f'waqta biex tinħall dik l-antika, hekk imsejħa "KWISTJONI TAL-IMKEJJEN jew SANTWARJI IMQADDSA", billi jintraddu lill-Kattoliki **dawk il-jeddijiet,** li l-Kattoliki kellhom qabel is-sena 1757. Iżda l-potenzi tal-Punent (oċċidentali) jew m'għarfux, jew ma riedux jinqdew bir-rebħa li kellhom fuq ir-Russi biex jiksbu dak kollu li kien, skond il-ħaqq, mixtieq u meħtieġ u b'hekk biss ħasbu għal dak li huwa politku, waqt li ftit u xejn ħasbu f'dak li hu ta' interess reliġjuż.

Minn dik it-telqa tal-potenzi tal-Punent fil-kwistjonijiet reliġjużi, li ġrat f'dik l-okkażjoni hekk flokha, jew li ftit jew xejn taw każ tagħha, hi ġejja l-iktar il-qagħda kerha u mfixkla, li biha llum il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa taħkem u tmexxi l-ewlenin Santwarji tal-Palestina.

P.A. ARCE, O.F.M.

# BETLEHEM

## FIL-JIEM TAL-MILIED U TAT-TRE RE'

Fil-jiem ferrieħa tal-Milied u tat-Tre Rè, moħħna, irid jew ma jridx, jittajjar f'dak l-imkien li fih twieled Ġesù. Jinstama' fuq kull xufftejn l-isem ta' Betlehem, li hu l-istess "ferħ u barka", kif ifisser l-istess isem "**dar il-ħobż**", u kif fi żmien il-qedem kienet tissejjaħ "**Efrata**": **art miżgħuda bil-frott**" — u tassew, hemm kellu jimbet il-frott imbierek mill-Madonna.



**Ilbies ta' mara Betlemita.**

L-isem ta' Betlehem niltaqgħu miegħu ta' sikwit fil-Kotba Mqaddsa, billi hemm kienet mietet Rakela, u għax minn hemm kienu ħarġu l-kbar personaġġi, fosthom Ġonata, Noemi, kunjata ta' Ruth u David; San Ġużepp ukoll, għalkemm kien joqgħod f'Nazzaret, kien minn Betlehem, mill-ġidd ta' David.

Iżda l-ogħla ġieħ ta' Betlehem, li jisboq kull ġieħ ieħor, hu dak li Betlehem hi l-Pajjiż ta' Ġesù, imwieled hemm fi stalla fqajra, jew **f' "Khan"**, kif isejħulha n-nies ta' hemm, u li hu aktarx dak l-imkien fejn 600 sena qabel kien sewwa biex jilqa' fih il-merħla ta' Kanaan, miġjub ħafna minn Salamun, għax missieru Barżellaj kien għen lil David fir-rewwixta mqanqla minn ibnu Assalonne.

Il-Għar fejn twieled il-Feddej hu mħaffer fi blat ta' ġebla ħelwa. Fil-bidu aktar kbira u wasa', jew aħjar, kellha fuq ġewwa ħafna għerien żgħar oħra u jidher li d-dħul għalija kien mal-livell tat-triq. Dan l-Imkien l-aktar għażiż mill-bqija ta' l-art, kif igħid l-għaref San Ġlormu, kien dikment l-iżjed meqjum mill-Insara hekk, li l-Imperatur Ruman Adrijanu (136) bl-għan li jeqred kull tifkira ta' Ġesù Kristu, sawwar hemmhekk buskett bl-isem ta' Adone, alla falz, ħabib mogħġub mill-moqżieża Veneri. Imma, din il-profanazzjoni ta' Adrijanu ma damitx wisq, għax l-Imperatriċi Sant'Elena, fis-sena 325, marret fil-Palestina, qerset darba għal dejjem dak il-masġar bl-istatwa ta' Adone, u bniet fuq il-Għar tat-Twelid Bażilka mill-aqwa, li mbagħad ġiet aktar imżejna b'sengħa kbira minn binha, l-Imperatur Kostantinu, u li għadha

hemm sal-lum.

Fil-bini tal-Bażilka, l-Għar tat-Twelid ġie mibdul fi kripta u, is-saqaf kellu jiġi mirfud bil-bini ta' arkata minn ġewwa.

Għall-Għar tat-Twelid tista' tinżel minn żewġ torġien: minn wieħed li fih 16-il tarġa, u mill-ieħor li fih 13. L-Għar minnu nnifsu hu daqsxejn dalmi, u jieħu d-dawl minn 50 lampa, li minnhom 19 huma ta' l-Irħieb Franġiskani. L-għamla tal-Għar hi qisha b'erba' irkejjen, f'tul ta' 12, 30-il metru, u 3, 15 fil-wasa'. L-art hi miksija bl-irħam abjad. **Hawn tassew twieled il-Feddej tad-dinja!** — Stilla tal-fidda indurata bil-kelmiet latini: "HIC DE VIRGINE MARIA JESUS CHRISTUS NATUS EST" turi lil kull żawwar li hemm twieled Kristu, Feddej tad-dinja! Erba' passi aktar 'il quddiem fl-istess Għar, tinżel tliet tarġiet u ssib **il-presepju,** fejn il-Madonna qegħdet jew meddet il-Bambin Ġesù fil-maxtura fuq it-tiben; u hawn ġew jadurawh ir-Rgħajja, mgħarrfin mill-Anġlu, u hawn inxteħtu jadurawh il-Maġi, waqt li għarrfuH bħal ALLA, Sultan u Bniedem.

Malli Sant'Elena qerdet il-profanazzjoni sagrilega ta' Adrijanu u għolliet fuq l-Għar Imqaddes il-Bażilka bdew jikbru dlonk iż-żawwara nsara, li ħafna minnhom hemmhekk ukoll għażlu l-għamara tagħhom. San Ġlormu wasal hemm fis-sena 384, u għammar hemmhekk għal 36 sena, sa mewtu. Sant'Ewsebju minn Cremona, Santa Pawla, Sant'Ewstokju, Fabjola u ħafna oħrajn, kbarat tal-patriżjat Ruman, għażlu Betlehem bħala imkien ta' qdusithom u tad-difna minn tagħhom. Mhux ftit eremiti għexu hemm f'ċelel u bnew Monasterji hekk, li Betlehem, fl-1110, stħoqqilha tiġi mgħollija għal ġieħ ta' Djoċesi b'Isqof tal-post, għalkemm dan il-ġieħ baqalha għal ftit żmien, billi fl-1187 waqgħet taħt il-ħakma tal-Musulmani. Fl-1229, mirbuħa mill-Insara, mhux wara wisq, fl-1244, mill-ġdid mirbuħa mill-Musulmani Karismini, Betlehem ġiet meqruda.

F'din il-ħabta daħlu f'Betlehem, fost il-Misilmin, "**l-Irħieb tal-Ħabel**", kif ġew imsejħin l-Irħieb Ulied San Franġisk t'Assisi. Dawn, għalkemm maħqurin u mgħakksin, minn dak iż-żmien 'l hawn, baqgħu hemm dejjem iħarrsu **l-Presepju Mqaddes** u swew ferm biex tarġa' tqum fuq ġieħha ċ-ċkejkna belt ta' Betlehem, dejjem ħelwa u majistuża fil-qagħda tagħha. L-għoli tal-belt hu ta' 777 metru, u tintrefa' fuq żewġ għoljiet, li jinżlu ħelu ħelu f'għelieqi miżgħuda bi dwieli u siġar taż-żebbuġ sal-qiegħ tal-wied, li minnu hi mdawra, barra minnaħa ta' fuq. Fuq l-għolja tan-naħa tal-għarb, li hi l-aktar għolja, kienet il-belt biblika; fuq dik tan-naħa tax-xerq, anqas għolja imma aktar mifruxa, tinsab il-Grotta, li fuqha hi mibnija l-Bażilka tat-Twelid, imdawra mit-tliet Kunventi: Latin, Grieg u Armen. It-toroq tal-belt huma ftit dojoq, tneħħi dawk li ġew imwessgħin fi żmien l-Ingliżi. Il-popolazzjoni tal-belt aktarx dejjem qiegħda tonqos l-iktar minħabba l-emigrazzjoni lejn l-Amerka t'Isfel.

In-nies ta' Betlehem iħobbu x-xogħol, huma ħaddiema minn qaddishom, mogħtijin għall-biedja, għall-imrieħel u għas-sengħa sabiħa tal-madreperla. Huma nies sbieħ, minn qaddishom ferrieħa u jiġbduk bl-ilbies oriġinali u mlewwen tagħhom, li huma jilbsu b'tiżjin fil-Milied u fit-Tre Rè, li għalihom imorru nies minn kull naħa tad-dinja.

* * *

Malli jibda joqrob il-Milied, Betlehem jxidd l-ilbies sabiħ u ferrieħ

tagħha u hekk tithejja għal dak il-kbir jum ta' hena. Jitnaddfu u jiżżejnu djarha u jithejjew biex jilqgħu l-ħbieb u l-għorba. Il-funzjonijiet il-kbar reliġjużi jagħmilhom il-Patrijarka Latin, li jitlaq għal ħabta tad-9 a.m. ta' lejlet il-festa minn Ġerusalemm. Xi mil u nofs bogħod minn Betlehem ikun hemm jistennew il-Patrijarka l-ogħla nies mal-Muktar



**Is-Santwarju tar-Ragħajja 'l isfel minn Betlehem.**

(is-Sindku) u l-Kappillan ħdejn il-qabar ta' Rakela, li kienet mietet hemmhekk meta tat lid-dinja l-binha Benjamin. Il-qabar ta' din is-sbejħa mara ta' Ġakobb hu miżmum b'ġieħ kbir mil-Lhud, mill-Insara u mill-istess Misilmin.

Minn hawn il-Patrijarka, wara li jkun laqa' b'ġieħ it-tislim ta' dawk li marru jilqgħuh, jitlaq lejn Betlehem, b'quddiemu fila twila ta' karrozzi mmexxijin minn saċerdot b'salib merfugħ fil-għoli riekeb fuq żiemel.

Sa dan il-ħin, il-misraħ il-kbir ta' Betlehem ikun miżgħud bin-nies jistennew il-wasla tal-Patrijarka, u l-Patrijiet Franġiskani joħorġu fi proċessjoni mill-Bażilka biex jilqgħuh b'rit liturġiku u solenni. Il-qniepen idoqqu, u jsemmgħu l-ilħna ħelwin tagħhom u ferrieħa għal madwar Betlehem kollu, sa l-għelieqi tar-Rgħajja, sa l-għolja fejn dawn lix-xurtjati Rgħajja kienu semgħu l-aħbar tat-Twelid ta' Ġesù mill-Anġlu: "**Annuntio vobis gaudium magnum: natus est hodie Salvator mundi**".

Imwassal il-Patrijarka fil-misraħ, dlonk jilbes l-ilbies prelatizju u, wara li jilqa' l-ġieħ liturġiku, titlaq il-proċessjoni bil-kant tal-"**Benedictus**" għall-Bażilka, fejn jidħol minn bieb baxx, jaqsam il-Bażilka tat-Twelid, u l-proċessjoni tieqaf fil-Knisja ta' S. Katerina, mifruda biss b'ħajt mill-Bażilka. Hawn tingħata l-Barka u kulħadd jitlaq lejn daru, fil-mistennija tal-Lejl Imqaddes li jfakkar it-Twelid ta' Ġesù Kristu dak l-Imkien.

Ma' tul dik l-għaxija, Betlehem tiżgħat biż-żawwara. Il-'**CASA NOVA**' tal-Patrijiet Franġiskani hi maħnuqa bil-barranin: is-swali tagħha, għalkemm kbar u wesgħin, wisq drabi ma jkunux jistgħu jilqgħu aktar nies għall-fatra u li dawn, donnhom b'pika, għall-unur li jridu jagħmlu billi jieħdu sehem fil-mejda ta' San Franġisk, b'dik il-ġenerożità li hi proprja tal-Patrijiet tal-Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa u li huma joffru lill-kulħadd. Donnha tidher bħala mħatra jew pika bejn il-Franġiskani li joffru u l-għorba li jilqgħu, waqt li jgħidu "**Niżżik ħajr**", li hekk jagħmlu ferħanin lill-Patrijiet, li dawn b'għoġba kbira jmorru jhejjulhom 'te u kafè' għal qabel il-kbira funzjoni.

Din tibda fl-10.30 bil-kant solenni tal-Matutin u warajh il-Quddiesa

Pontifikali mill-Patrijarka bil-kant ta' li "**Schola Cantorum**" tal-Franġiskani ta' Ġerusalemm. Hi xena li tqanqal il-qalb u li tislet id-dmugħ, l-iżjed waqt u wara l-kant tal-Evanġelju! Dan ma jiġrix ħlief f'Betlehem fil-Lejl tal-Milied!

* * *

Tibda titmexxa il-proċessjoni qalb il-kant ħelu ta' l-innijiet. Kulħadd ifittex li jieħu sehem bit-torċa f'idejh. Il-Patrijarka għandu f'dirgħajh il-Bambin Imqaddes biex jieħdu u jqegħdu fil-"**presepju**", fejn twieled, fejn sama' l-ewwel biki tiegħu jitolbu mħabba. U mbissem dak iċ-Ċkejken fil-maxtura tiegħu, b'dawk id-dirgħajn miftuħa u merfugħa, donnu jistieden lil kull min iħares lejh biex ibati bħal ma bata Huwa, biex iħobb bħal ma ħabb Huwa nnifsu. F'dik il-fqajra maxtura kollox ifakkar f'Ġesù; hemm tinħass donnha qawwa fuqana li ġġagħlek tinsa d-dinja, għax l-hena li joħroġ mill-qalb jislitlek id-dmugħ li jfarraġ, u li biss fl-Għar ta' Betlehem, fl-umiltà u t-tbaxxija taċ-ċkejken Ġesù, fil-faqar tiegħu, fl-imħabba tiegħu tistrieħ il-qalb, titfarraġ u ssib il-paċi, li Hu ġieb fid-dinja lill-bnedmin ta' rieda tajba.

Hu nofs il-lejl. Il-proċessjoni mill-preesepju tarġa' tgħaddi mill-ġdid mill-Bażilka tat-Twelid għal dik ta' S. Katerina, fejn jissokta l-Pontifikal. Fl-istess ħin, il-Franġiskani fil-Presepju jibdew il-quddies, li jissokta sal-4 jew sal-5 ta' wara nofs inhar. L-ebda saċerdot ma jitħalla jqaddes it-tliet quddisiet fil-presepju, imma, wara l-ewwel waħda, jmorru jqaddsu t-tliet l-oħra fis-Santwarji ta' ma' ġenb il-presepju, f'dak tal-Martri Innoċenti jew f'dak li S. Ġużepp kellu l-ħolma biex jaħrab bil-Bambin u l-Madonna fl-Eġittu biex jeħilsu minn Erodi, li kien ifittxu għall-mewt; jew fil-kappella li fiha għex, studja u tgħakkes u miet S. Ġlormu, jew f'dik ta' Sant' Ewsebju t'a Cremona, jew ukoll fuq il-qabar tal-qaddisin Pawla u Ewstokju. Wara nofs inhar, imbagħad, il-Patrijiet Franġiskani, flimkien mannies ta' Betlehem, imorru pellegrinaġġ **fl-Għalqa tar-Rgħajja,** fejn dawn ħadu l-aħbar tat-Twelid ta' Ġesù mill-Anġlu. Kemm tifkiriet sbieħ u ħelwin!

* * *

Fil-jiem ta' fuq il-Milied il-pellegrinaġġi jikbru u ħsus l-Insara jitqawwew għall-qriba festa tat-Tre Rè, tal-Mulej lis-Slaten Maġi li waslu minn pajjiżi bogħod tax-Xerq biex jagħarfu u jagħtu qima lill-Messija.

It-triq li minn Ġerusalemm tieħu għal Betlehem, kif imxew il-Maġi, tfakkarna, li meta dawn waslu Ġerusalemm ma rawx aktar il-kwekba; madankollu, huma qabdu t-triq bittama li tarġa' tidhrilhom. Meta waslu f'nofs it-triq bejn Ġerusalemm u Betlehem, waqfu biex jistrieħu u jisqu l-iġmla ħdejn bir, li mbagħad issemma "**il-bir tal-Maġi jew tal-kewkba**" — "**Bir in-Neġem**" — għax hemm deħritilhom mill-ġdid il-kewkba, li mexxiethom sa fejn kien il-Bambin, kif jgħarrafna S. Mattew.

Is-solennità tal-Epifanija jew tat-Tre Rè f'Betlehem għal kateki bħal dik tal-Milied, bl-istess thejjijiet u bl-istess ferħ u entusjażmu. Ir-Riti u ċ-Ċerimonji jsiru pontifikalment mir-Rev.mu P. Kustodju ta' l-Art Imqaddsa, li f'lejlietha jitlaq minn Ġerusalemm u jiġi milqugħ ħdejn il-Qabar ta' Rakela, u mbagħad, għal Betlehem, l-istess bħal ma għedna għall-Patrijarka f'lejlet il-Milied.

Il-funzjoni tibda bit-tħabbira solenni tal-festi l-kbar kif sa jaħbtu ma' tul is-sena l-ġdida. Imbagħad jibda l-Pontifikal mir-Rev.mu P. Kustodju. Għannofs inhar il-poplu jiżdied u joktor

hekk, li kulħadd ikun irid jara l-Proċessjoni ta' wara nofs inhar, li fiha jinġieb il-Bambin, mhux le mfisqi, imma liebes kif Marija kienet urietu lill-Maġi biex jadurawh. Il-proċessjoni, mill-Knisja ta' S. Katerina timxi għall-Għar tat-Twelid: hemm il-P. Kustodju jinċensa lill-Bambin qiegħed fuq tron għani jbierek lid-dinja. U jitkanta l-Vanġelu li jfakkar il-wasla tal-Maġi, l-hena tagħhom, l-għatiet li ġiebulu u l-ferħ tagħhom għax sabu lil Ġesù, li għarfuh Alla u Bniedem.

Ir-Rev.mu P. Kustodju bil-Bambin jimxi mal-proċessjoni, li tgħaddi mill-Kjostri tal-Kunvent fost rassa ta' poplu bla qies, ifaħħru l-Bambin b'ħafna titli sbieħ, waqt li jitolbuh jberikhom. Huma tassew ħinijiet ta' ferħ u entusjażmu, li ma jintesew qatt u jisiltu d-dmugħ mill-għajnejn. Il-Patrijiet Franġiskani ta' li **"Schola Cantorum"** ta' Ġerusalemm donnhom f'dawn l-aħħar ħinijiet jiġbru l-qawwa ta' leħnijiethom sħaħ u ħelwin biex isejħu l-Barka ta' Ġesù fuqhom, fuq il-benefatturi ta' l-Art Imqaddsa mxerrda din mad-dinja kollha. U l-Bambin minn fuq l-altar tiegħu, jintrefa' IBIEREK, u kull wieħed u waħda jħossu kif dik il-Barka Tiegħu tinżel fil-qalb, fir-ruħ, fil-familji u f'pajjiżhom tfakkar lill-kulħadd fis-Sema għal dejjem.

P. TONINU.

# IL-MIRKEB FI ZMIEN IL-BIBBJA

## 1. Il-Ktieb ta' Ġobb

Jekk taqra fil-ktieb ta' Ġobb — dak il-bniedem magħruf għas-sabar tiegħu — id-deskrizzjoni sabiħa u ħajja taż-żiemel tal-gwerra ma tistax ma tasalx għall-konklużjoni li l-Lhud tal-qedem kienu jħobbu ħafna ż-żwiemel. Araw daqsxejn kif l-awtur sagru jitkellem fuq din il-bhima nobbli:

*Sejjer inti tagħti s-saħħa liż-żiemel? Jew timla għonqu bil-qawwa?*

*Sejjer iġġiegħlu jaqbeż bħall-ġurat? Tal-biża' huwa iż-żahir tiegħu. Jaqla' l-art mad-difer, u jitkabbar minħabba qawwietu; huwa jmur biex jiltaqa' ma' l-armata.*

*Il-biża' ma jistmaħx, lanqas ma jdur lura meta jara x-xabla.*

*Minn fuq daharu l-qaws iżarżar, u l-lanza u t-tarka jżiġġu.*

*B'qilla u b'rabja jiġri bħar-riħ u ma jibżax meta jinstema' l-ħoss tat-trumbetta.*

*Meta jisma' l-ħoss tat-trumbetta jgħid: "Ħa". Hu jxomm mill-bogħod it-taqbida, jisma' l-kaptani jagħmlu l-qalb lis-suldati, u l-għajjat ta' l-armata.* (39: 19-25)

Jidher ċar daqs il-kristall li dan il-kittieb kien ra sewwa b'għajnejh dak li qed jikteb fuqu. U l-Lhud, bħall-bnedmin kollha tad-dinja ċivilizzata ta' dak iż-żmien kienu jħobbuh ħafna liż-żiemel, għax huwa kien qawwa setgħana mhux biss għat-trasport imma wkoll għall-gwerra. Kif bdew jintużaw iż-żwiemel fid-dinja, ikun hawn min forsi jistaqsi?

## 2. Is-Sumeri

Għall-ħabta tas-sena 3000 Q.K., skond l-għorrief, iż-żwiemel bdew jintużaw mis-Sumeri għall-ewwel darba billi kienu jorbtuhom bħall-barrin ma' imriekeb ħfief ta' l-injam. Għidna 'żwiemel', imma ż-żwiemel ta' dak l-ewwel żmien ma kinux jixbhu lil

dawk li nafu bihom aħna. Ix-xedd tagħhom kien l-istess bħal tal-barrin. Iż-żwiemel m'għandhomx l-istess wisa' fuq spallejhom li għandhom il-barrin u għalhekk kienu jlibbsuhom biċċa ġilda ma' għonqhom li kienet kważi tifgahom meta jimxu. U hekk baqgħu sas-seklu 9 W.K. Ħaġ'oħra tal-iskantament hija li l-istaffa u x-xhedd ukoll ma ġewx ivvintati sas-seklu tlettax. Is-Sumeri barra minn hekk kellhom żewġ kwalitajiet ta' mirkeb, wieħed b'żewġ roti u l-ieħor b'erbgħa.

### 3. Fil-Babilonja

Għall-ħabta tal-1800 Q.K. tfassal l-imperu ta' Babilonja bil-għaqda ta' Sumer u Akkad, u l-qawwa taż-żiemel fil-gwerra saret indispensabbli. Għax Sumer fil-qedem kien diġa kiseb rebħiet kbar fit-taqtigħa permezz tal-imriekeb armati. Issa, Hammurabi, il-ħakem tal-Babilonja, ta' innovatur li kien, mill-ewwel fittex li jtejjeb dan il-mirkeb tal-gwerra. Ir-roti tiegħu ma baqgħux tal-injam mastizz imma saru bl-imgħażel fin-nofs. Il-mirkeb sar ferm eħfef u beda jintuża wkoll bħala mezz ta' komunikazzjoni.

### 4. L-Imriekeb fl-Eġittu

Fl-istess żmien jew ftit wara, dawn l-imriekeb bdew jidhru wkoll fl-Eġittu li kien għadda minn żmenijiet ta' ċivilizzazzjoni kbira. Dawn l-imriekeb ġabuhom magħhom l-Eġittu il-Hyksos li bihom werwru lil kulħadd, għax bil-ġiri tagħhom ebda suldati ma setgħu ilaħħqu magħhom. Dawn il-Hyksos damu jaħkmu l-Eġittu sa 1500 Q.K., meta Ahmose ta' Thebe irnexxilu jkeċċihom, imma mhux qabel ma ħoloq mriekeb bħal tal-Hyksos. Dawn l-imriekeb ta' l-Eġizzjani kienu l-ewwel tankijiet tal-gwerra għax kellhom is-skieken iduru mal-fus tar-roti u kienu jibqgħu deħlin qalb l-għadu qishom ħassad bil-minġel fl-għalqa tiegħu.

Il-kavallerija kienet kollha kavallerija ta' fuq l-imriekeb għax sa issa kien għad ma żviluppax żiemel b'saħħtu biżżejjed biex jiflaħ bniedem fuq daharu. F'battalja, kienu l-imriekeb li jilqgħu jew jagħtu l-ewwel xokk. Wara l-imriekeb kien ikun hemm il-fanterija lesta biex tibqa' dieħla fejn tiftħilha l-kavallerija. Il-mirkeb armat kien jintuża wkoll biex jintlaħaq il-għadu meta jċedi u jdawwar daharu biex jiġri. Allura tistgħu taħsbu x'massakru kien isir minnhom b'dawk l-imriekeb kollha skieken marroti. Mill-fdalijiet arkeoloġiċi tal-qabar ta Tutankhamun, nistgħu naraw li dawn l-imriekeb Eġizzjani kienu ħfief, bla molol u b'żewġ roti. Kull mirkeb kien ikun fih tnejn minnies, wieħed biex jiġġieled u l-ieħor biex isuq, u kien miġbud minn żewġt iżwiemel. Fl-armata Eġizzjana l-qawwa tal-imriekeb kienet maqsuma fi skwadri ta' 25 u kien hemm nies imqabbdin apposta biex jieħdu ħsieb iż-żwiemel għalkemm ma kienx għadu hemm nagħal għalihom.

### 5. L-Ititi

F'dawn l-inħawi kienu jgħixu nies imsejħa Ititi li bla dubju ta' xejn irnexxilhom jibnu l-imperu tagħhom bis-saħħa tal-imriekeb armati; mhux tqal bħal tas-Sumeri imma ħfief u bir-roti bl-imgħażel bħal tal-Eġizzjani u Babiloniżi. Il-vittorja fuq il-kamp tal-battalja kienet tiddependi mill-ħeffa billi issa l-imriekeb kienu ħfief daqs il-vleġeġ.

Ġewwa Boghazkoy il-belt kapitali tal-Ititi instabet librerija tal-għaġeb. Minn din il-kitba fuq biċċiet tal-fuħħar sirna nafu ħafna affarijiet fuq it-tradizzjonijiet u l-art tal-Bibbja. Fosthom hemm erba' lapidi li jitkellmu

fit-tul fuq it-trobbija taż-żwiemel għall-gwerra, miktubin minn ċertu **Kikkuli** minn Mitanni. Huwa jgħid sa l-inqas metru kuljum kemm trid teżerċita ż-żwiemel ġodda. Kuljum iridu jinżlu jixxarbu seba' darbiet fil-baħar u jitħallew jinqalbu fir-ramel. Imbagħad, meta jikbru ftit iridu jissawmu għal kollox għal tmienja u erbgħin siegħa u kif ikunu fjakki jsuquhom bħal fi gwerra għal erbgħa u għoxrin siegħa. L-aħjar żwiemel jintgħażlu wara din il-prova! Mhux ta' b'xejn l-armata kien ikollha żwiemel tajbin!

### 6. Mnejn ġej dan l-għerf kollu tal-Ititi fuq iż-żwiemel?

Minn kliem tekniku li juża **Kikkuli**, li jixbah ħafna lil xi ilsna Arjani ta' l-Indja ta' fuq, u minħabba li aħna nafu li dawn in-nies ta' Mitanni kienu jaduraw allat Indjani bħal Indra, Varuna u t-tewmin Masatya, huwa probabli li n-nies ta' Mitanni ġew mill-Orjent minn fejn ukoll huma ġiebu t-tagħrif tagħhom fuq iż-żiemel. Il-mirkeb tal-Ititi bħal tal-Eġizzjani kien ħafif u r-roti kellhom sitt imgħażel; imma l-Ititi kienu jużaw tlieta min-nies minnflok tnejn — forsi biex meta jaslu għat-taqbid fil-qrib ikun hemm aktar minn jissielet.

### 7. L-Iżraeliti

L-Iżraeliti kienu jagħrfu xi jsarfu dawn l-imriekeb għax bosta drabi nqabdu bejn armati mit-tramuntana u min-nofs-in-nhar u mil-lvant. Il-biża' tagħhom kif ukoll affaxxinazzjoni, jidhru minn dawn il-kelmiet li naqraw fil-profeta Nahum; il-profeta qiegħed iħabbar gwaj għall-armata Assira li kienet ilha taħqar lil Iżrael snin kbar. Araw daqsxejn kemm l-awtur sagru jaf jiddeskrivi dawk l-imriekeb:

*Qisu nar il-ħadid tal-imriekeb. Meta jitqabdu, iqammsu l-firsien, fit-toroq ilebbtu l-imriekeb, jiġġerrew fl-imsieraħ. Jidhru bħal xrar, jiġru bħal beraq . . . Ħażin għal beit tad-dmija, kollha gideb, mimlija dnewwa, ma jaqta' xejn is-serq! Ħoss is-sawt u ħoss iż-żaqżiq tar-roti, żwiemel ilebbtu u mriekeb jaqbżu! Ġiri ta' firsien u lehh ta' sjuf u dija ta' lanez; qatigħ midrubin, u ħafna maqtulin bla tarf il-mejtin, jitfixklu fil-mejtin . . .*

U mhux ta' b'xejn kienu jibżgħu mill-Assirjani għax dawn kienu fost l-eħrex nies li qatt rat id-dinja. Hekk kien jiftaħar Assur-nazir-pal fis-seklu 9 Q.K.:

Jien ħadt il-fortizza u qtilt 800 raġel u qtajtilhom rashom. Għamilt munzell ta' iġsma quddiem bieb il-belt; qtajt ras il-priġunieri u sallabt 700 minnhom. Il-belt tfarrket u ġġarrfet; jien ħallejtha munzell ġebel . . .

Il-Lhud stess kienu armaw bl-imriekeb fi żmien ir-re David, (2 Rejiet 8, 4) imma kien Salamun (1 Rejiet 4, 26) li bena flotta u armata suriet in-nies. Huwa kellu 40,000 mirkeb u 12,000 rekbin li huwa qassamhom fil-bliet kollha u f'Ġerusalemm.

F'Megiddo (ħdejn Hajfa) fejn sar xi tiftix Arkeoloġiku, instabu dawk li jidhru stalel għaż-żwimel ta' żmien Salamun. Kien hemm post għal xi 2 jew 3 skwadri ta' mriekeb. Salamun mhux talli kien jixtri ż-żwiemel mingħand l-Eġizzjani, imma talli kien imbagħad jinnegozjahom mal-ġirien tiegħu tat-tramuntana. Ftit kien jissoponi li dawn l-istess żwiemel jew id-dixxendenti tagħhom kienu għad iridu jwerwru lill-poplu tiegħu stess!

---

*N.B.* Is-silta minn Nahum hija tradotta minn P.P. Saydon, fil-waqt li dik minn Gobbe ġiet tradotta minn Fr. Raymond Camilleri, O.F.M.

NORBERT ELLUL VINCENTI,
O.F.M.

# IS-SANTWARJI TAL-PALESTINA

# IL-BIR TA' GAKOBB JEW TAS-SAMARITANA

XI

Jekk tridu taqraw paġna tassew sabiħa tal-Vanġelu, jekk tridu tassew idduqu l-benna ta' diskursata tal-għaġeb, li fiha l-uman jitħallat mad-divin u l-materjalità tal-ġrajja twassal għall-konverżjoni totali ta' ruħ, jekk tridu prova ta' x'ifissru s-sinjali fir-realtà tal-ħajja, ħudu f'idejkom il-Vanġelu ta' S. Ġwann u aqraw ir-raba' kap tiegħu. F'dawn il-kitbiet fuq is-Santwarji tal-Palestina, aħna m'aħniex infittxu li nħażżu ġrajja li twettqet ma' tul iż-żmien tal-qedem, imma qegħdin infittxu li minn din il-ġrajja nitgħallmu xi ħaġa li tista' tkunilna ta' siwi fil-ħajja tagħna.

**Id-Djalogu ta' Ġesù mas-Samaritana**

Ġesù — itarfilna r-raba' kap tal-Vanġelu ta' S. Ġwann — kien jaħtieġlu jgħaddi mis-Samarija. Kien għadu kemm iċċelebra l-ewwel festa tiegħu tal-Għid f'Ġerusalemm, dak il-Għid li fih tant tnikket u tmasħan għax sab fit-Tempju l-bejjiegħa li kienu bidluħ f'għar ta' ħallelin (Matt. 21, 12-13). Kif spiċċat il-festa huwa qabad it-triq tal-Galilija li tagħti għas-Samarija. Wara sitta jew seba' siegħat mixi għal ħabta ta' nofs inhar Ġesù wasal ħdejn il-Bir ta' Ġakobb, li kien jiġi qrib Sikar jew Sikem f'riġlejn il-muntanja Gariżim. Għajjien inxteħet jistrieħ fuq il-ħerża tal-bir; l-appostli, li kienu miegħu, ħallewh hemm għax riedu jmorru sal-belt biex jixtru xi ħaġa x'jieklu. Dak il-ħin mara ta' Samarija, b'ġarra fuq spallietha, ġiet biex timla l-ilma. Ġesù fliha minn rasha sa riġlejha, imbagħad dar fuqha u qallha:

— "Agħtini nixrob."

— Weġbitu l-mara: "Kif int, li int Lhudi, titlob tixrob lili, mara Samaritana."

— Weġibha Ġesù u qallha: "Li kont tagħraf il-għotja t'Alla u min hu dak li qiegħed igħidlek: 'Agħtini nixrob', kont titolbu int, u kien jagħtik ilma ħaj'."

— Il-mara nġibdet u qaltlu: "Ja Sidi, anqas ma għandek biex timla u l-bir fond ħafna, mnejn mela għandek l-ilma ħaj? Jaqaw int akbar minn Ġakobb, missierna, li tana dan il-bir u xorob minnu hu, uliedu u l-imrieħel tiegħu?"

— Wieġeb Ġesù u qallha: "Kull min jixrob minn dan l-ilma, jerġa' jieħdu l-għatx; imma min jixrob mill-ilma li nagħtih jien, ma jieħdu għatx qatt, imma l-ilma li nagħtih, isir fih għajn ta' ilma tnixxi sal-ħajja ta' dejjem."

— Qaltlu l-mara: "Ja Sidi, agħtini dan l-ilma, biex ma jeħodnix għatx u biex ma niġix hawn nimla."

Il-mara kienet għadha ma fehmitux 'il Ġesù, jew aħjar fehmitu, imma wisq materjalment. Għalhekk Ġesù kompla jissikkaha bi kliemu billi jtarfilha l-imgħoddi midneb tagħha sakemm iġagħalha tistqarr: "Ja Sidi, nara li int profeta. Missirijietna taw qima fuq dal-ġebel, u intom tgħidu li

f'Ġerusalemm hu l-imkien fejn wieħed għandu jagħti qima."

— Weġibha Ġesù: "Emminni, mara, li dalwaqt jasal iż-żmien meta u la fuq il-ġebel u lanqas f'Ġerusalemm ma tagħtu qima lill-Missier. Intom tqimu dak li ma tafux, aħna nqimu dak li nafu, għax il-ħelsien jiġi mil-Lhud. Imma jiġi ż-żmien, u issa hu, meta dawk li jqimu fis-sewwa jqimu l-Missier bir-ruħ u s-sewwa; għax bħal dawn iridhom il- Missier dawk li jqimuh. Ruħ hu Alla, u dawk li jqimuh jaħtieġ li jqimuh bir-ruħ u s-sewwa."

magħmula mit-tnax-il tribu ta' Iżrael. Fis-sena 962 Q.K. żewġ tribujiet minn fost it-tnax qamu kontra r-re tagħhom u għamlu saltna għalihom. Din il-firda kompliet tikber minħabba l-gwerer ta' bejniethom. Għal xi żmien il-Lhud ġew imġagħla jħallu tabilfors 'il pajjiżhom, xi drabijiet oħra ġew imkaxkra fil-jasar. Ċelebri huwa l-jasar ta' l-Eġittu u ta' Babilonja. Meta l-Lhud reġgħu lura minn dan l-aħħar jasar (536-538 Q.K.) ma ħallewx lis-Samaritani jieħdu sehem fil-bini tat-Tempju ta' Ġerusalemm. Għalhekk is-Samaritani bnew Tempju



**Il-Bir ta' Ġakobb.**

— Qaltlu l-mara: "Naf li l-Messija, jiġifieri Kristu, għandu jiġi."

— Qallha Ġesù: "Jien hu, li nitkellem miegħek."

Mill-qari ta' din il-paġna tal-għaġeb tal-Vanġelu, wieħed malajr jittendi li l-Lhud u s-Samaritani ma kienux jitħamlu. "Kif — qalet is-Samaritana lil Ġesù — Int, li int Lhudi, titlob tixrob lili, mara Samaritana?" Għaliex ma kienux jitħamlu? Hija storja ftit jew xejn twila, li aħna rridu niġbru fil-qosor. Is-saltna tar-Re David kienet

għalihom fuq il-muntanja Gariżim. Din il-firda għadha teżisti sal-lum. U dan ifissrilna t-tweġiba ta' Ġesù lill-mara Samaritana fl-aħħar parti tad-djalogu ta' bejneithom.

**Il-Bir ta' Ġakobb**

Fid-djalogu bejn Ġesù u l-mara ta' Samarija, issemma l-bir ta' Ġakobb. "Jaqaw — qalet is-Samaritana — Int akbar minn Ġakobb, missierna, li tana dan il-bir u xorob minnu hu, uliedu u l-imrieħel tiegħu?" Huwa veru li

Ġakobb ħaffer dak il-bir? Fil-ktieb tal-Genesi, sewwasew fil-kap XII, v. 7, jingħad li Abram qasam l-art ta' Kanaan sal-post imsejjaħ Sikem. Hemm deherlu l-Mulej u qallu: "Lil nislek jiena nagħti din l-art. U hemm Abram waqqaf altar lil Mulej li kien deherlu. Dan ġara xi 2000 sena qabel Kristu. Igħaddi ż-żmien u Ġakobb, ibnu, meta kien ġej lura mill-Mesopotamja, waqaf f'Salem, xtara mingħand ulied Emor, missier Sikem, il-għalqa li fiha kien deher il-Mulej lil Abram. Xtraha — igħidilna l-Ktieb tal-Genesi — b'mitt ħaruf. Fuq din l-art Ġakobb firex it-tined tiegħu, u kif tgħidilna l-mara ta' Samarija, ħaffer bir għall-bżonnijiet tiegħu, tal-familja u tal-merħliet li kellu (Ara Gen. XXXIII, 18-19; Ġw. IV, 12).

Is-Samaritana ma kenitx qegħda tagħmel ħaġ'oħra ħlief ittenni t-tradizzjoni li kienet ħajja fost l-Lhud, li dak il-bir ġie mħaffer tassew minn Ġakobb. U m'għandniex għax nistagħġbu. La Ġakobb kien se jibqa' hemm flimkien mal-familja kbira tiegħu u mal-imrieħel li kellu ma setax ma jagħmilx xi ħaġa biex ikollu l-ilma.

Il-bir, li hu fond mat-32 metru, hu mħaffer fil-parti l-kbira fit-turba; il-parti ta' fuq hi mibnija b'ħaġar magħqudin sewwa ma' xulxin.

Il-Lhud dejjem żammew bħala ħaġa qaddisa l-bir ta' Ġakobb, mhux biss minħabba l-bir fih innifsu, li dejjem ta ilma safi, bnin u frisk imma wkoll minħabba li hu ġie mħaffer fl-art mixtrija minn Ġakobb u mħollija bħala wirt lil ibnu Ġużeppi (Gen. XLVIII, 22) fejn Ġużeppi aktar tard jiġi midfun, kif kien talab hu stess lil ħutu qabel miet (Jos. XXIV, 32).

**Il-Bir ta' Ġakobb huwa qadim tassew daqskemm tarrfet is-Samaritana?**

Illum, meta, f'idejna m'għandniex dokumenti miktuba, il-prova ewlenija trid tiġi mit-tfittix arkeoloġiku. Dan it-tfittix ilu li nbeda mal-mitt sena ma' dwar u fil-bir ta' Ġakobb. L-ewwel tfittix ma sarx kif kellu jsir, xjentifikament. Aktar tard il-post ġie mbattal u mnaddaf minn dik il-kwantità ta' ġebel li nġabar mill-knejjes li nbnew u tħattew ma' tul iż-żmien. Dawn l-aħħar snin l-Arkimandrita Spiridjun ġabar f'daqsxejn ta' Mużew il-fdalijiet li nstabu kemm ma' dwar il-bir u kemm fil-bir fih innifsu. Dawn il-fdalijiet ġew dan l-aħħar studjati b'mod tassew xjentifiku mill-arkeologu franġiskan P. Bellarmino Bagatti li stampa l-konklużjonijiet tal-istudju tiegħu fil-LIBER ANNUUS (XVI-1966) li joħroġ mill-Istudju Bibliku Franġiskan ta' Ġerusalemm.

P. Bagatti jgħidilna li l-fdalijiet, li nġabru minn ġewwa l-bir, juru biċ-ċar li l-bir ġie wżat sa minn diversi sekli qabel Kristu. Hekk it-tradizzjoni Lhudija u Nisranija għandhom pedament sod ta' kontinwità.

**Is-Santwarju**

Bħal ma għedna, il-Lhud dejjem żammew bħala ħaġa qaddisa l-bir u l-art li fih ġie mħaffer. Hekk għamlu wkoll l-ewlenin insara.

Sa minn żmien Kristu ma' dwar il-bir ta' Ġakobb inħolqot kommunità ċkejkna nisranija, kif jagħtina x'nifhmu l-kap IV ta' S. Ġwann: "Minn dik il-belt ħafna Samaritani emmnu bih minħabba kliem il-mara, li kienet tixhed: "Qalli kull ma għamilt ..." U wisq aktar emmnu minħabba kliemu, u lill-mara kienu jgħidulha: 'Mhux minħabba kliemek nemmnu, għax aħna nfusna smajna u rajna li dan hu tassew il-ħellies tad-dinja'."

Għalhekk l-insara fittxew li jibnu ma' dwar il-bir daqsxejn ta' Knisja. S. Ġlormu fl-404 isemmi din il-knisja tas-Samaritana. U Arculfo (670) jgħidilna li din il-knisja kienet forma ta' salib latin u fiċ-ċentru tagħha taħt l-altar maġġur kien jinsab dan il-bir. Din il-knisja ġiet imfarrka kważi għal kollox fir-rewwixti tas-Samaritani, imma ġiet mill-ġdid mibnija mill-imperatur Ġustinjanu (528-65). Fi żmien il-Kroċjati l-knisja kienet diġa mwaqqa', għax il-pellegrini li għaddew iżuru dawk l-inħawi, jitkellmu iva mill-bir, imma le mill-knisja. Bħal ma għamlu f'postijiet oħra l-Kroċjati bnew ukoll hawn knisja sabiħa bi tliet navati u kor kbir; il-kor ġie mibni eżattament fuq il-bir ta' Ġakobb. Milli jidher din il-knisja diġa kienet imġarrfa fis-sena 1187 jew ftit wara, għax il-pellegrini ma jitkellmux ħlief mill-fdal tal-knisja. Fl-1860 il-Griegi Xiżmatiċi xtraw il-bir u l-inħawi tiegħu u rranġaw il-kripta tal-Kroċjati f'daqsxejn ta' kappella. U kienu jibnu wkoll il-knisja, li huma kienu diġa bdew, kieku ma faqqgħetx il-gwerra l-kbira tal-1914-1918 li qatlet ħesrem il-ħsieb tagħhom.

Illum kull min imur iżur il-Palestina, imur ukoll jara l-bir ta' Ġakobb, imħares minn dawn il-patrijiet griegi, li jieħdu ħsieb ifissrulek il-ġrajja tal-bir u wara joffrulek tixrob tazza ilma tajba u friska. Jalla li din it-tazza ilma tkun minn dak l-ilma li minnu tkellem Ġesù mas-Samaritana, li jaqta' l-għatx u jinbidel f'għajn ta' ilma tnixxi salħajja ta' dejjem.

P. MIKIEL CATANIA, O.F.M.

**IL-KITTIEBA MATILDE SERAO TISTAQSI:**

U tafu intom kif il-Patrijiet Franġiskani Missjunarji ta' l-Art Imqaddsa jistgħu jżommu u jmexxu dik l-opra kbira tagħhom ta' fidi, ta' qima liturġika, ta' propaganda, ta' mħabba u ta' mġiba tajba tagħhom ma' l-għorba, kienu min kienu? Tafu intom kif għamlu dawn il Patrijiet ta' Ġieżu biex bnew dawn il kunventi tagħhom, biex waqqfu dawk il-Knejjes - Bażiliki, id-Djar tagħhom "Case Nove" fejn jilqgħu l-għorba u ż-żawwara, u kif jistgħu jagħmlu u jżommu dawk il-funzjonijiet sagri, kif jistgħu jgħinu għadd hekk kbir ta' foqra, kif imexxu dawk l-iskejjel, dawk l-uffiċini u jżommu, matul is-sena, eluf ta' żawwara li ma jħallsu xejn f'dawk l-ospizji, imsejħa "Case Nove"? Tafu jew ma tafux kif dawn il-Franġiskani, sa minn sekli, ilhom iwettqu dan kollu fil-Palestina? Tridu tafu biex dawn il-Franġiskani jwettqu dan il-miraklu? — U twieġeb Matilde Serao — "Bil-karità! . . . . " (Ara "Nel paese di Ġesù", Napoli, p. 324).

## It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

# Karlu L-Kbir, Re' Tal-Franki U L-Art Imqaddsa

Il-kittieba tal-Istorja taż-żminijiet tal-qedem u, nistgħu ngħidu wkoll, dawn taż-żminijiet tal-lum, jitkellmu ta' sikwit fuq ħarsien u mhux ħardien (protettorat) ta' Karlu l-Kbir, Rè tal-Franki, fuq il-Palestina. Sa ftit tassnin ilu, fl-1926, fis-Sorija, il-magħruf kittieb Kleinglawaz, mar ifakkar għadd ta' ġrajjiet li minnhom donnu jidher, fid-dawl tiegħu kollu, dan il-ħarsien jew protettorat imsemmi mill-Kittieba ta' dari, u li donnu wieħed ma jistax ma jagħtix każhom. Għalhekk, hu ta' min jistaqsi:— Kien tabilħaqq veru protettorat fuq il-Palestina dak ta' Karlu l-Kbir? Kellu qatt Karlu l-Kbir xi mandat uffiċjali ta' ħarsien fuq l-Imkejjen Imqaddsa tal-Palestina?

Karlu, iben Pipinu ż-Żgħir, Rè tal-Franki, wara l-mewt ta' missieru (969) u wara wkoll dik ta' ħuh iż-żgħir Karlumannu (771), kien wiret is-saltna u ġie magħruf b'Rè Waħdieni tal-Franki. Għaqli u ta' rieda tajba, fuq l-eżempju ta' missieru Pipinu, li kien ħarbat u rebaħ 'il Longobardi għedewwa tal-Knisja, u radd lill-Knisja l-hekk imsejjaħ "**patrimonium Sancti Petri**", fittex li jżomm ħbiberija u rabta sħieħa mal-Papat, hekk, li fl-Għarb (oċċident) biż-żmien setgħet titwettaq dik iċ-ċiviltà ġdida nisranija, b'għamla ġdida ta' pulitka, ta' reliġjon u ta' kultura, imqanqlin b'ħeġġa u mmexxijin minn Karlu taħt il-ħarsien tal-Knisja u tal-Papat.

M'hemmx xi ngħidu: is-Sura u x-xbieha ta' Karlu l-Kbir, Rè tal-Franki, taħkem u togħla fuq il-ħajja u l-Istorja ta' żminijietu. Għall-ċirkustanzi biżżejjed magħrufa fl-Istorja, imwaqqha l-ħakma tal-Longobardi fl-Italja u, mitluqha "**tanquam res derelicta**" l-ħakma u l-ħarsien mill-Imperaturi Biżantini, sovrani leġittmi tal-Italja, il-Knisja, li kellha tħares il-"**patronium Sancti Petri**" u minħabba l-karattru reliġjuż tagħha, minħabba l-għana u l-ġid li kellha lilha mħolli mill-Insara, waqa' fuqha, kif inhu naturali, il-piż iebes li tħares mill-ġuħ u mill-ħbit tal-għedewwa l-popolazzjoni, li minnha naqsu l-Imperaturi ta' Biżanzju: il-Papat, b'hekk, mingħajr ebda ħsieb ta' regħba u biż-żmien — "**sensim sine sensu**" — sab ruħu miżmum b'responsabbli u magħruf bħala l-protettur u d-difensur ta' Ruma u ta' l-Italja. U mhux, jewwilla, il-Papa Żakkarija (741-752) li jidher fl-Istorja, **bħala Sid id-Dukat Ruman,** li għamel il-paċi ma' Luitprandu (712-744) Rè tal-Longobardi? U mhux hekk ukoll kien ġara, meta fis-sena 752, ir-Rè Astolfu tal-Longobardi kien ħataf taħt idejh il-belt ta' Ravenna, u kien miexi għal fuq Ruma; u l-Imperatur ta' Biżanzju, telaq il-belt f'idejn l-għedewwa "**tamquam res derelicta?**"

Dawn il-ġrajjiet kollha twettqu ma' dwar is-sura politka-reliġjuża ta' Karlu l-Kbir li, misejjaħ u mitlub mill-Papa Adrijanu I (772-95), ġie fl-Italja, qered għal kollox is-setgħa tal-Longobardi u f'Ruma ġie ipproklamat "**Patricjus Romanorum**", li jfisser "**setgħa lir-Rè tal-Franki li jħares lil**

**Ġdid Stat tal-Papiet mill-għedewwa ta' barra u mir-rewwixti ta' ġewwa, jekk jinħtieġ ukoll bl-armi''.** Din il-qagħda ta' ħbiberija bejn il-Papat u r-Rejiet Karolingi aktar żdiedet u ssaħħet meta, kif miet Papa Adrijanu I u ġie maħtur Papa Ljuni III (795-816) kien qam tixwix kbir u rewwixta kontra l-Papa waqt proċessjoni u ġie maqbud u magħluq f'monasterju. Meħlus il-Papa, baqa' sejjer dritt fil-kamp ta' Karlu l-Kbir; dan bagħtu f'Ruma mħares minn żewġt isqfijiet. Sena wara Karlu mar hu nnifsu Ruma għal festa tal-Milied, u f'dak il-lejl mqaddes, tas-sena 800, fit-tmiem tal-funzjoni, quddiem il-kbarat franki u rumani, Papa Ljuni III iqiegħed kuruna tad-deheb fuq ras Karlu, waqt li jipproklamah **''IMPERATUR TAS-SAGRU IMPERU RUMAN''.**

Din il-kbira ġrajja ħolqot fehmiet ġodda u xeħtet is-sisien ta' qagħdiet ġodda fil-ħwejjeġ. Kif kienu jifmhu dak iż-żmien, din il-ġrajja kienet tfisser, il-qawmien mill-ġdid tal-Imperu ta' l-Oċċident imwaqqa' fl-476, hekk imma, li fil-ġdid Imperatur kienet tidher l-Għola Setgħa ta' ħarsien għall-Insara, b'qagħda għolja fuq kollha il-Prinċpijiet insara b'difiża għal dak li hu tal-Knisja. L-Imperatur kellu jkun il-Protettur u d-Difensur tal-Papa li jħarsu mill-għedewwa barranin u ġewwenin.

B'danakollu, l-Imperatur Biżantin ma tilifx setgħetu jew ġie mwaqqa' minn ġieħu ta' Imperatur; f'dak iż-żmien l-idea tal-għaqda tal-Imperu kienet għadha wisq sħieħa u ebda ħjiel ma kien hemm ta' firda bejn ix-Xerq u l-Għarb, bejn l-Orjent u l-Oċċident.

Minn dan li għedna jidher biżżejjed sewwa li Karlu, Imperatur tal-Franki, bis-saħħa tat-titlu l-ġdid ''Imperatur tas-Sagru Imperu Ruman'' lilu mogħti mill-Papa III, ma kiseb ebda mandat li għandu jħares l-Art Imqaddsa, li kienet taħt il-ħakma tal-Imperu ta' Biżanzju. Kif jidher, iżda, bejn is-snin 797 u 808, kien hemm ħbiberija sewwa bejn Karlu l-Kbir u l-Kaliffa er-Raxid, fejn jidher sewwa l-ewwel il-Patrijarka ta' Ġerusalemm Ġorġi, u warajh Tumas jagħtu xejra reliġjuża l-għamil ta' Karlu ma' l-Art Imqaddsa. M'għandniex imma, nagħtu każ ħafna għal din il-ħbiberija, li ma kienet xejn ħaġa ġdida: ġa Pipinu kellu din is-sura ta' ħbiberija mal-kaliffa Abu-Gabar El-Mansur.

**Karlu l-Kbir jibgħat Ambaxxata**

Fis-sena 797, Karlu l-Kbir, wara 32 sena ta' skiet u, waqt li fehem jaqbad mill-ġdid, ir-relazzjonijiet ta' missieru Pipinu, kien bagħat lill-Kalif ta' Bagdad, Harun Er-Raxid ambaxxata magħmula minn żewġt irġiel Franki, Lanfridu u Siġismundu u minn wieħed Lhudi, jismu Iżakk, bħala interpreti. Dnub! . . . ma nafux sewwa x'kien il-għan ta' din l-ambaxxata, naħsbu imma li kien dak li jikseb iljunfant, li f'dak iż-żmien ftit u xejn kont issib kif trid, għax ftit kien magħruf. Mill-bqija, hi ħaġa ħafna tqila li wieħed idaħħal f'moħħu, li l-għan ta' dik l-ambaxxata kien biss dak li jikseb l-iljunfant meta wieħed iġib quddiem għajnejh li f'dak iż-żmien ħafna pellegrini kienu jiġu maqbudin, misruqin u msawtin mill-ħallelin u mill-briganti. U ta' min jifhem, li għalhekk, li r-Rè Karlu ma naqasx jitlob lill-Kaliffa xi ftit tal-ħarsien biex jistgħu jitwettqu iżjed il-pellegrinaġġi, li kienu hekk għal qalb ta' l-Insara.

**Imġieba tal-Patrijarka mar-Rè Karlu**

Il-Patrijarka ta' Ġerusalemm Ġorġi, waqt li nqeda bl-ambaxxaturi mibgħutin minn Karlu, Ġorġi ħaseb li tkun

ħaġa xierqa u ta' ġieħ jekk jibgħat lil Karlu l-Kbir il-Barka u xi relikwji qaddisa. U hawn Karlu bagħat fix-Xerq, u sewwasew f'Ġerusalemm lill-Qassis Żakkarija b'għotiet (rigali) għall-Qabar ta' Kristu.

Ġara mbagħad, li fis-sena 808, waqt li Karlu l-Kbir kien jinsab f'Ruma, sab li wasal hemm ukoll il-Qassis Żakkarija, imsieħeb ma' żewġ reliġjużi oħra: patri benedittin ta' l-Għolja taż-Żebbuġ u raheb ieħor tal-monasterju ta' San Saba, li kellhom f'idejhom għotiet għas-Santwarji imqaddsa ta' Ġerusalemm.

Dawk l-għotiet kienu: "l-imfietaħ tal-Qabar ta' Kristu, tal-Kalvarju, tal-Belt Imqaddsa u tal-Għolja taż-Żebbuġ (l-Olivetu?), bl-istandard ta' Ġerusalemm". X'ifissru dawk ir-relikwji li Ġorġi l-Patrijarka bagħat lil Karlu l-Kbir nafuh minn dak stess li kien għamel Papa Ljuni III ma' l-istess Karu, fis-sena 795: Papa Ljuni III kien bagħat l-imfietaħ tal-Kunfessjoni ta' San Pietru u l-istandard ta' Ruma. Dawn il-ħwejjeġ iżda, ma kienux ħaġ'oħra ħlief **egħliem** ta' ħarsien, **simbolu** ta' protettorat. Jidher sew, li l-Patrijarka Ġorġi, billi ġa jaf dak li kien ġara Ruma, ma riedx jibqa' lura! . . . M'għandniex xi ngħidu, din l-għotja ta' **għelm** ta' ħarsien, sar mhux ftit taħdit fl-Għarb (oċċident) u mbnew ħafna "kastelli in aria" fuq dan il-protettorat, li ma kienx ifisser ħaġ'oħra ħlief għelm jew simbolu.

**L-Iljunfant**

Fix-xahar ta' Ġunju tas-sena 801, waqt li Karlu l-Kbir kien sejjer lura fi Franza, x'ħin wasal ħdejn Ivrija u Vercelli, hemm isib tnejn min-nies b'irsulijiet għalih: wieħed f'isem il-Kalifa er-Raxid u l-ieħor mill-Emir ta' Kairwan, Ibrahim ben Aghlab, fejn dawn għarrfuh li "l-Ambaxxata tas-797 kienet marret tajjeb ħafna. Iżakk kien kiseb l-Iljunfant, imma t-tnejn min-nies -loarħ kienu mietu. Ir-Rè Karlu, imbaħgad, kien bagħat lin-nutar Erkanbald biex iġib l-Iljunfant u Iżakk sbarka fil-Ligurja, fil-marsa ta' Portu Veneri, f'Ottubru tat-801, u minn hemm għall-Aix fit-802. Dawn l-għotiet, rigali ta' Slaten, Rejjiet u x'naf jien, tal-Asja u ta' l-Afrika ma kienux ħaġ'oħra ħlief **egħliem** ta' ħbiberija, ta' sempliċi ħbiberija fost il-popli, għalkemm fl-Ewropa, aktarx, li jfissru xi ħaġ'aktar minn ħbiberija.

**Ambaxxati mill-Patrijarka**

Fix-xahar ta' Awissu 803 Karlu l-Kbir, waqt li kien jinsab f'Salz, fix-xerq ta' Franza, kien laqa' żewġt'Irħieb, mibgħutin mill-Patrijarka Ġorġi u li dawn baqgħu sejrin miegħu sal-Baviera, u ma telqux minn hemm qabel tliet xhur. Għalfejn kienu ġew dawn? X'kien il-għan tal-miġja tagħhom? Għaliex qagħdu hekk żmien u ġibdu hekk fit-tul? Sabu jewwilla xi tfixkil? Ma nafu sewwasew xejn fuq din il-ħaġa. Nafu iżda żgur, li telqet għax-xerq ambaxxata mill-Franki, immexxija minn ċertu Radbertu, u li din, qabel xejn, marret fuq il-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm, imbagħad għaddiet għand il-Kalifa Harun u minn hawn marret lura lejn Venezja. Biss mill-Kittieb Eginhard (Vita Karoli, 16), li ġejna nafu b'din l-ambaxxata: **"mhux biss il-kalifa ġew mgħarrfa x-xewqat ta' Karlu l-Kbir, hu taħ dak kollu li talbu, u qiegħed taħt setgħetu l-Imkejjen Imqaddsa fejn ġrat u twettqet is-saħħa tal-bnedmin, u l-iżjed il-Qabar Imqaddes u fejn twettqet il-Qawma minn bejn l-Imwiet tas-Sid u Feddej tagħna".** U minn din il-ġrajja nibtet u ssawret it-

teorija tal-Ħarsien jew Protettorat ta' Karlu l-Kbir fuq l-Art Imqaddsa tal-Palestina.

### Ambaxxata Mlaqqa'

Fis-sena 807, waslet għand Karlu l-Kbir ambaxxata mix-Xerq, magħmula minn wieħed ta' Ħarun R-Raxid, li kien jismu Abdallah u minn tnejn oħra tal-Patrijarka ta' Ġerusalemm? Tumas, li sar Patrijarka wara Ġorġi, wieħed li jismu Felić u l-ieħor, Abbati tal-Għolja taż-Żebbuġ, li jismu wkoll Ġorġi. Dawn ġiebu lil Karlu għotiet ħafna kbar: tinda u pezez tal-għażel ta' kbir ġmiel u siwi, ħaririjiet, fwejjaħ, kandilabri tal-bronż u arloġġ, makkaniku tal-bronż imdieheb, li meta jdoqq is-siegħat jidhru joħorġu Kavalieri minn 12-il tieqa, li mbagħad kienu jintgħalqu.

### Il-Kommemoratorju

Din il-ħbiberija u l-fehma tajba taż-żewġ slaten kienet ta' ġid mhux ċkejken għall-Insara ta' l-Art Imqaddsa, kif nistgħu naraw mill-**Kommemoratorium de Casis Dei,** li hu lista tad-Djar Reliġjużi li f'dak iż-żmien kien hemm fil-Palestina. Dan il-Kommemoratorium inkiteb għal ħabta tas-sena 808 jew, kif irid Kleinglawaz, fis-sena 810, billi fih jissemmew "**elemosini li jintbagħtu Ġerusalemm għat-tiswija ta' knejjes**"; u dan jidher għandu x'jaqsam ħafna mal-Kommemoratorium. U tassew: id-dokument misjub fil-Biblioteka ta' Vjenna minn Giovanni Battista De Rossi, iċ-ċelebri arkijologu Ruman, jagħti lista tad-Djar Reliġjużi li jgħammru sabiex lil-hom tingħata għajnuna. F'dan id-dokument huma mfakkrin:— "**5 klawstrali fuq l-Għolja taż-Żebbuġ li jgħidu s-salmi bil-latin, u Sorijiet li jaqdu 'l Alla f'Qabar il-Mulej u li huma wlied l-Imperu ta' sidna Karlu, Nru. 17 u waħda spanjola klawstrali**". Fil-monasterju ta' Kossiba, bejn Ġerusalemm u Ġeriko, hemm bħala Rgħajjes Abbati, jismu LETU. U dawn il-latini ma humiex weħidhom, hekk li bejn Ġeriko u l-Ġordan, in-naħa ta' Khon-Netele, instab paviment tal-mużajk, ta' dak iż-żmien, k'kitba latina. — Kitba tgħid: "**Domine miserere**" (Ja Sidi, ħenn għalija); l-oħra, kienu jaħsbu li ġġib isem is-super-ur ta' Kossiba, imma llum jaħsbu mod ieħor, għax tinqara hekk, skond B. Bagatti: "**Feci leto die lete**" (f'ċertu jum ferraħtu).

Snin wara, ir-Raheb Bernard, waqt żjara fil-Palestina, wasal f'Ġerusalemm: "**u konna milqugħin, igħid, fl-ospizju tal-glorjużiżmu imperatur Karlu, li fih jiġu milqugħin dawk kollha li, b'devozzjoni, imorru hemm u jitkellmu b'ilsien ruman. Fil-qrib hemm il-Knisja ta' Santa Marija, u biblioteka mill-aħjar imwaqqfa mill-istess imperatur, bi 12-il appartament, graden, siġar tal-għeneb, u ġnien kbir li jagħti għall-Wied ta' Ġosafat**".

### Il-Filioque

Fis-sena 808, Karlu l-Kbir kien laqa' żewġ Franki li kienu għadhom kif waslu mill-Palestina. Dawn, waqt li kienu fuq l-Għolja taż-Żebbuġ kellhom tislita sħuna mal-Irħieb Griegi fuq il-kelma "FILIOQUE", li daħħlu fil-Kredu. Kien jinħtieġ li din il-ħaġa tiġi maqtugħa. Karlu, li kellu madwaru l-aqwa teologi ta' żminijietu, ġabarhom f'Aix f'Novembru 809, u flimkien magħhom qatagħha li "l-Papa Ljuni III għandu jħoll din il-kwistjoni". Milli jidher, Karlu ma riedx jindaħal fi kwistjonijiet dogmatiċi.

Sadanittant, fix-Xerq kien qed imut Harun Er-Raxid, u biex jinħatar is-

sultan ta' warajh sar ħafna tixwix u ġlied. U dan, milli jidher, kien ta' ħsara mhix ċkejkna għall-Insara. U sewwasew, għal din il-qagħda ġdida li nħolqot li, fl-1810, sar kliem fuq elemosini biex jintbagħtu Ġerusalemm.

Id-deskrizzjoni tal-Palestina magħmula mir-Raheb Bernardu, fl-1870, turina li sa dak iż-żmien il-qagħda fil-Palestina ma kinetx għal kollox imgħarqa.

**TMIEM**

---

# IR-RABTA TAZ-ZWIEG FOST IL-MUSULMANI

## (KIF JINHALL IZ-ZWIEG)

L-għalqa li minnha, f'din il-kitba tagħna, sejrin niġbru xi ntietef 'l hawn u 'l hemm, hi miżgħuda b'għollieq u xewk mill-aktar niġġieża. Xi aħbarijiet għariba għalina, imwieldin fiċ-ċivili Ewropa, jagħfsulna qalbna u jimlew bin-niket u bil-ħasra, l-iżjed lil dawk in-nisa li jaqrawha u li jafu aktar iħossu; iżda jistgħu jiswew ukoll — aħna żguri — li jqanqluhom biex aktar jinġibdu, iħobbu u jistmaw dejjem iżjed id-don tal-Fidi, ta' dik il-Fidi, li refgħet u għolliet il-mara f'qadgħa daqs ir-raġel quddiem Alla u, għaldaqshekk, ukoll għall-aħħar ħlas li qatt ma jintemm.

Il-mara wkoll, daqs ir-raġel hi bint Alla. Ġiet maħluqa minnu sabiex tkun is-sieħba tar-raġel, li magħha jafda l-ħsus kollha ta' qalbu, il-faraġ fin-niket tiegħu fl-għar siegħat ta' ħajtu. Aħna l-Insara, imdorrijin inħarsu f'din il-ħlejqa bil-ħass tal-Fidi, narawha bħala Anġlu mogħti mn'Alla lir-raġel, li għandha missjoni x'taqdi, ġewwenija u tas-sema.

Meta mbagħad, il-mara ntrabtet mar-raġel biż-żwieġ. Oh! hawnhekk, aħna ma narawx iż-jed fir-raġel u l-mara tnejn min-nies, imma sura waħda mingħajr firda, sura waħda, hekk li f'widnejna dejjem jidwu dawk il-kelmiet solenni u ħelwin ta' l-Imgħallem Divin *"Et erunt duo in carne una!"* Tnejn f'sura waħda! Dawn il-kelmiet, li aħna ma nfissrux biss kif idoqqu f'widnejna tal-ġisem, imma li nifhmu fihom ukoll tifsira morali, spiritwali; u għalhekk, juruna wkoll għaqda tal-qlub, tar-rieda; hekk, li

miż-żewġ qlub tingħamel qalb waħda, miż-żewġ volontajiet issir rieda waħda. Infakkru wkoll, u ma qatt, dak il-kliem li ħareġ mill-qalb u mill-fomm tal-Feddej tagħna Ġesù: *"Dak li għaqqad Alla, ma jifridx il-bniedem!" "Quod Deus conjunxit, homo non separet"*. U fiż-żwieġ nisrani hemm sewwasew ir-rabta, il-għaqda msaħħa u mirfuda mill-imħabba li tiltaqa' fil-Mulej — imħabba għolja u eterna — u għalhekk, hija rabta, għaqda għalina qaddisa, għal dejjem u ma tinħallx.

*
* *

Min mhux iżda tar-reliġjon qaddisa tagħna ma jasalx jifhem sewwa x'inhi l-vera mħabba; u għalhekk, id-divorzju, it-tluq tas-sieħeb mis-sieħba jew tas-sieħba mis-sieħeb, ġrieħi mill-għar li bihom jimbed, jikber u jitkattar fid-dinja d-diżordni u mad-diżordni kull għawdċ ieħor bla qies.

Jekk inħarsu u niflu ftit fost dawk li huma tad-din ta' Mawmettu, aħna nsibu li t-telqa jew tkeċċija tal-mara hi ħaġa ta' sikwit, hi ħaġa ta' kuljum. Mara musulmana li ma waslitx ikollha tfal tista' tiġi mtellqha u mibgħuta għand missierha, u dan mingħajr ebda proċess. Tista' wkoll tiġi mtellqha għal għand missierha jekk għammielha, u tagħti lil żewġha biss bniet. U minn dan naraw il-ftit jew xejn siwi tal-mara fost il-Musulmani.

Iżda, xi ħadd mill-qarrejja jista' jwegħġibni: Xi ħtija imma għandha l-mara jekk ma għamlitx tfal jew xtrat biss bniet u mhux subien?... u, imbagħad, għandha l-ħtija tinxteħed fuq il-mara li m'għamlitx tfal? Jewilla, li m'għamlitx tfal ma jistax ikun ukoll ħtija tar-raġel?...... Ukoll aħna, li qegħdin niktbu, bħalkom naħsbuha, imma mhux hekk bħalna jaħsbuha dawk tad-din ta' Mawmettu. Il-mara għarbija tiġi żgur imtellqha minn żewġha u bis-setgħa kollha tal-Qorti jekk ħatja li bidlet il żewġha, jew jekk biss ikun hemm daqsxejn ta' suspett ta' din il-ħtija. U mhux rari il-każ li tiġi mtellqha wkoll minn żewġha għax ma jaqblux fil-karattru.

Minn dan wieħed għandu jifhem b'liema biża' tgħix ma' tul ħajjitha l-mara għarbija biex ma jiġux fit-tiġrib, li l-lum jew għadha, jiġu mtellqha minn darhom għal kull xejn, u jintefgħu fil-għaks, ġuħ u miżerji oħra, barra mill-għajb li jaqgħu fih għal ħajjithom kollha.

Il-liġi — il-liġi t'Alla u tan-natura — mhix magħrufa minn ulied il-Quran; l-għajnuna lil xulxin, li tagħder lil sehbitek, u l-liġi tal-maħfra għan-nuqqasijiet ta' wieħed lill-ieħor, mhix mifhmuma fid-Din ta' Mawmettu, għalhekk, l-imsiejkna mara musulmana ta' sikwit hi bħala biċċa għodda għall-kapriċċi u għal ġibdiet żienja ta' żewġha. Jekk dan hu raġel sewwa u ta' mġieba tajba, it-tiġrib ta' martu tista' li tiġi mkeċċija, ikun ftit il-bogħod jekk — Alla ħares qatt! — żewġha jkun aktar żjieni u bla raġuni, milli dehni u għaqli, Oh! allura, imsejkna mara, ma tkunx ħaġ'oħra ħlief vittma mgħakksa taħt saqajn il-kiefer tirann tagħha.

Wieħed bidwi, darba waħda, kien ġie mistoqsi mil-Missjunarju Kattoliku, il-għaliex kien żewweġ lil-ibnu li kien għadu ż-żejjed żgħir fis-snin. Il-bidwi wieġbu lil-Missjunarju: "Biex minn kmieni jserraħ il-ġibdiet ta ħsusu li huma fih u biex il-mara tilħaq tixtrilu ħafna subien u jibqa' miġbud lejha sakemm tkunlu żgħira". Iva, iva, jekk wara xi żmien il-mara miżżewġa ma tibqax togħġob iżjed lil żewġha,

dan jista' jitlaqha jew jieħu oħra, jew oħrajn flokha. U min ma jarax, għaldaqshekk li dawn id-drawwiet, imħarsin mil-Quran Mawmettan huma għal kollox kontrarji għal kull sens morali, għal kul ġid tal-familja, u għall kull ordni fix-xirka tal-bnedmin?......

U l-missier tal-mara mtellqha minn żewġha — jew min jidher floku — jagħmel kollox sabiex iwikkilha lil xi ieħor, jew ukoll lil xi t-tielet, u hekk jibqa' sejjer, biex jikseb xi ħaġa talflus minn fuqha.

Din hi tassew l-għaqda jew rabta ta' mħabba taż-żwieġ musulman!

Iflu w ifhmu ftit dan il-każ li sa ngħid hawnhekk.

Erba aħwa wieħed wara l-ieħor, iżżewġu waħda kuġina tagħhom (qalb il-musulmani jista' jsir dan issura ta' żwieġ) fi ftit żmien l-imsejkna ġiet imtellqha minn kull wieħed minnhom: mill-erba' żwiegħa. Tajjeb, wara li kienet ġiet mibgħutha mir-raba wieħed mill-aħwa, l-imsejkna għandha l-jedd li tarġa ssir il-mara legitma ta' l-ewwel wieħed li kien telaqha. Iżda... lil din il-mara għandha jewwilla, nsejħulha xxurtjata, jew aktarx disgrazjata?... Hi ħafna tqilha t-tweġiba f'każijiet hekk strambi u għariba bħal dawn.

U tistaqsuni, xi jsir mill-ulied imwieldin minn għaqdiet hekk għariba u strambi?... Aktarx jiġri dan f'każijiet bħal dawn: L-ulied is-subien jigborhom il-missier; għal bniet, imbagħad jibqgħu fuq spallejn l-omm, jekk missirijiethom ma jkunux iridu jindaħlu għalihom huma. U min jaf, l-imsejkna omm kemm tkun trid iġġarrab niket u għaks sabiex trabbihom.

Xi wħud mil-qarrejja tagħna aktarx isibu esaġerati dawn ir-rakkonti tagħna li jiġru fid-din musulman; ma-dan kollu huma rakkonti storiċi, veri, u li għadhom jiġru sal-lum, fid-dawl tas-seklu tagħna XX qalb li jistqarru l-Quran ta' Mawmettu, l-qarrieqi jew mqarraq profeta, li biex iqiegħed fuq sisien sodi r-reliġjon minnu maħluqa ta' lid-dixxipli tiegħu u lil dawk kollha li fiha jinkitbu kull rehja għall-ġibdiet u għal ħsus il-ħżiena tal-bniedem.

* *
*

Kemm, tabilħaqq, aħna l-insara għandna mbierku u nfaħħru l'Alla u lit-tieba bla qies tiegħu li batgħna f'din id-dinja, mwieldin fi ħdan il-Knisja Kattolka, li tagħna bħala Ommna ta' l-akbar imħabba! Kemm għandna nkunu rikonoxxenti u nagħrfu kemm tabilħaqq jiswa d-Don tal-Fidi, don tas-sema, li jgagħlna nqiru lkoll — mingħajr ebda eċċezzjoni — ulied adottivi bi grazzja, li b'hekk qisna lkoll aħwa, u aħwa ta' l-istess Iben Waħdieni tal-Mulej, u li biex jifdina minn Luċifru u jagħmilna werrieta tas-Sema, ma rahiex bi kbira li jsir Huna Ewlieni.

Għal-ħsieb ta' dan il-ġid kollu talgrazzja qalbna tiddewweb, ilsienna jinħall, isammagħ dak l-għana ta' tifħir u ta' mi-zik — ħajr il-lum u dejjem O Sidna, O Mulejna! Aħna nfaħħruk issa u dejjem, dejjem, fil-jiem kollha ta' ħajjitna, f'kull ħin sa l-eternità għal kbir don tal-Fidi! Agħmel, o Mulej, li nkunu dejjem, u dejjem fidili għall-hekk kbira tieba tiegħek, billi nżommu dejjem finha mingħajr mittiefes l-isem ta' ġieħ ta' "Uliedek Maħbuba", ta aħwa tal-Iben Waħdieni Tiegħek, Sidna Ġesù Kristu!......
Amen.

# IL-QADDEJJA TAL-MULEJ

# PAWLINA TAL-MARKIZI DE NIKOLAY

## BENEFATTRIĊI KBIRA TAS-SANTWARJU TA' EMMAWS U TA' L-ART IMQADDSA

(*Jissokta ma' l-għadd ta' qabel*)

Kemm-il darba x-xwejħa nannietna ma ħarfitilniex, meta konna għadna tfal żgħar, minn dawk il-ħrejjef ta' biża', fejn jissemmew u jidhru ta' sikwit sħarijiet u, xi drabi, b'dawk ta' barra minn hawn, ix-Xitan, iswed iswed, b'għajnejh ħomor nar, bi qrunu merfugħin 'il fuq, il-mitra f'idejh u b'denbu twil twil jixxengel 'l hawn u 'l hemm . . . u dan biex iġġagħalna, it-twajba nannietna, nehdew, inserrħu 'l ġisimna u noqogħdu siektin u ġwejdin u, fost kollox, obbidjenti, studjużi u ma ninsewx it-talb ta' fil-għodu u ta' fil-għaxija, u ma ngħidu gideb u nwarrbu u naħarbu dejjem id-dnub. U kienu ħrejjef, ħrejjef tal-ħrejjef, b'xi ftit imħalltin bis-sewwa jew b'dak li jixbah is-sewwa, ta' sikwit imma eżaġerati, maħluqin minn fantasija meqjusa u qasira ħafna.

U aħna konna nemmnuhom, kif le?! . . . u llum, li aħna kbar u mdaħħlin fiż-żmien, għandna nistqarru li dawk il-ħrejjef tat-twajba nannietna, kienu jiswewlna ħafna biex ibegħduna mill-ħażen u nwettqu xi għamil tajjeb skond il-ħila ta' tfulitna. U hekk, qajl qajl, trabba f'moħħna l-kruha u l-biża' mid-demonju, għadu ta' kull tieba, u nibtet f'qalbna u trabbiet ġibda u mħabba safja lejn Ġesù Kristu, li jħobb hekk liż-żgħar twajbin. Dan ukoll li sa ngħidilkom għandu xeħta ta' ħrejjef, imma tabilħaqq, hu ħaġa li ġrat tassew, hu ħaġa vera, oġġett storiku, li ġara tassew! U li jurina kemm tassew li l-għadu ta' l-erwieħ, ix-Xitan, ma jorqodx, imma jfittex jinqeda bl-għodda kollha biex ifixkel lill-erwieħ it-tajba f'għamilhom ta' ġid għall-imħabba t'Alla u ta' għajrhom.

Ukoll dak li sa ngħidilkom, maħbubin qarrejja, donnu jidher xogħol ta' xi ħrejjef milli bosta drabi jingħadu, imma le, huma tassew ħwejjeġ li ġraw u li ma jista' jmerihom ebda ħadd. Aqraw aħsbu ftit:

Fl-ewwel ospizju li kellhom il-patrijiet missjunarji ta' l-Art Imqaddsa f'Emmaws (Palestina), f'ċella ċkejkna u fqajra, waħda mara twajba — il-qaddejja t'Alla Pawlina De Nikolay — qiegħda tikteb ittra lil wieħed Kardinal. Din l-ittra kienet dokument ta' kbira ħtieġa għas-Santwarju Evanġelku ta' Emmaws, li biċċa minnu kien ġa miksub b'xiri mingħand it-Torok. Il-kisba tal-bqija ta' dak l-imkien qaddis, il-qawmien mill-ġdid tal-Bażilka l-qadima tal-"għarfien ta' Ġesù Mqajjem minn bejn l-Imwiet liż-żewġ dixxipli, Xmuni u Kleofa", bil-ħidma tal-Qaddejja t'Alla Pawlina, kellha tkun għajn ġdida ta' Barka u ta' grazzja, ta' sliem u ta' kbar għeġubijiet. Ix-Xitan, kif wieħed jista' jifhem, ma ħax gost jara l-qawmien ta' opra bħal din u, għalhekk, fittex li jfixkilha kemm jista', l-iżjed, billi joħodha kontra dik li kellha l-missjoni speċjali minn Alla biex tifdi, tqajjem u tagħmel ta' ġieħ u ta' qima s-Santwarju ta' Emmaws.

X'jagħmel id-demonju? Mingħajr ebda ħoss, jidħol fiċ-ċella fejn kienet tikteb Pawlina, ħaseb li sa jbeżżagħha b'dehertu biss quddiemha, Pawlina imma, qisu ma daħal ħadd, baqgħet tikteb mingħajr ma tat ebda każ tiegħu. Meta ra hekk, id-demonju, jaħtaf b'rabja f'idejh il-klamar, isabbtu fuq il-mejda u jċappas bil-linka karti miktuba u jħammeġ il-mejda u kull fejn ħabat. L-imsejkna mara, imbażża' iva, imma le titlef ħilitha, għamlet is-sinjal tas-salib, refgħet ħsibijietha 'l fuq, fil-Mulej, u, waqt li naddfet ftit wiċċ il-mejda, ħadet kart'oħra f'idejha biex targa' tissokta tikteb.

Id-demonju, mirbuħ mis-sabar u mill-emmna ta' Pawlina, għajjat għajta tal-biża' u ma deherx iżjed.

Wara ftit jiem, iżda, raġa' ta s-salt biex ibażża' lil Pawlina. Kienet din qiegħda titlob fil-Knisja Parroċċa ta' San Salvatur, f'Ġerusalemm. Kellha f'idejha ittra, minnha miktuba, biex tintbagħat Ruma lilll-Eminenza Tiegħu, il-Kardinal Berardi, Prefett tal-Propaganda Fide, f'dak inhar stess ma' wieħed li kien sejjer Ruma. Qabel imma ma tibgħatha xtaqet li jaqraha l-Patri Direttur Spiritwali tagħha, P. Ġakbu Radò. Ħwejjeġ tal-għaġeb! Waqt li dan P. Radò kien dieħel il-Knisja, id-demonju jaħtaf minn idejn Pawlina l-ittra, jqattagħha f'elf biċċa, jxerridha ma' l-art, u jaħrab . . . X'tagħmel biex id-demonju ma jirbahx, u jibqa' f'wiċċu? Il-P. Radò, imnebbah minn Alla, amar lill-bint spiritwali tiegħu sabiex dlonk tiġbor mill-art il-bċejjeċ kollha tal-ittra mill-art u tqegħedhom fuq il-mensa tal-Altar tal-Madonna Immakulata. U, O għaġeb! Dawk il-bċejjeċ tal-karta minnhom infushom jerġgħu jingħaqdu flimkien li reġgħu saru dik l-ittra ta' qabel, li malajr ġiet magħluqa u mibgħuta lill-Kardinal Berardi.

Dan kien tassew għaġeb, miraklu mogħti lil Pawlina De Nikolay għall-obbidjenza u t-tama b'fiduċja li hi kellha fil-patroċinju ta' Marija ta' dik li bir-riġlejn immakulati tagħha seħqet ras il-għadu t'Alla u tal-bnedmin. U hekk, b'dan il-miraklu ieħor l-anġlu tad-dlamijiet kellu telfa oħra, li ma seta' qatt jinsieha u li baqa' jagħmel biex jieħu rebħa fuqha.

Ġesù kien talab lil din il-qaddejja tiegħu, Pawlina De Nicolay, sagri-



**Il-Venerabbli Pawlina tal-Markiżi De Nikolay.**

fiċċju naqra kbir, jiġifieri debħa tagħha nfisha, għallinqas għal ma' tul ħames snin, billi tingħata bħala vittma b'tiġrib ta' tbatijiet bħala tpattija għall-inġurji li bihom jiġi ta' sikwit milqut fil-Qalb Imqaddsa tiegħu. Pawlina, b'qalbha mixgħula mħabba

għal għarustha Ġesù, wara li għarrfet b'dan lill-Konfessur tagħha u qalgħet minn għandu l-barka tas-Sema, ingħatat għal kollox għar-rieda ta' Ġesù bħala vittma għal imħabbtu. U hekk, fil-jum 25 ta' Novembru 1858, fil-għaxija, Pawlina tingħalaq ġewwa l-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, biex f'nofs il-lejl, hemm fuq il-Kalvarju twettaq u ttemm l-Għotja Kbira tagħha lil Ġesù; u mhux biss għal ħames snin, imma sal-ħin tal-mewt, jekk din hi r-rieda tal-Mulej.

U waslet is-siegħa, u t-twajba u qaddisa Franġiskana Pawlina De Nikolay inxteħtet minduda sewwasew f'dak l-Imkien Qaddis, fejn darba waħda Ġesù kien ta lilu nnifsu b'debħa safja fuq is-Salib lill-Missieru għall-maħfra tad-dnubiet tad-dinja u f'dak il-waqt jaqbdu fiha d-demonji ta' l-infern, jerfgħuha u jgħolluha 'l fuq u jitfgħuha b'salt fl-arja, li l-imsejkna bla saħħa u aktar mejta milli ħajja tistabat u ssib ruħha f'rokna mwarrba tal-Bażilka.

Iżda wkoll din id-darba, id-Demonju ma kellux jirbaħ fuq Pawlina, iżda minnha ġie mirbuħ u mħarrab ta' ġifa li hu. Wara ftit tal-ħin, Pawlina bdiet tarġa' tieħu l-ħajja u, mimlija aktar bl-enerġija u l-ħila minn qabel, titla' l-Kalvarju, tinxteħet minduda b'wiċċ ma' l-art u tagħmel l-offerta tagħha lil Ġesù b'imħabba ta' vera serafina, waqt li l-Anġli mis-Sema mgħaxqin kienu jħarsu lejha u x-xbieha kbira tal-Imsallab divin titpaxxa biha.

Dan huwa r-rebħ tal-Qaddisin, ulied il-Mulej; rebħ miġjub bl-għodda mbierka tal-obbidjenza, tat-talb, tas-sabar, tal-emmna u tal-fiduċja f'Alla, u ta' perseveranza sa l-aħħar fl-għemil it-tajjeb. U dan ir-rebħ, u dawn il-vittorji huma għelm ta' rebħ l-ieħor li qatt ma jintemm.

Mill-bqija, il-Qaddejja t'Alla Pawlina De Nikolay, kellha qisha dejjem dehriet ta' Erwieħ Imqaddsa tal-Purgatorju, li kienu aktarx jitolbuha għajnuniet biex jiġu meħlusa minn tbatijiethom; u meta Pawlina tkun għenithom bit-talb u opri oħra tajba kienu jidhrulha u jroddulha ħajr u kienet tarahom deħlin fis-Sema. Fost dawn l-erwieħ qaddisa, kif jistqarr il-P. Radò, konfessur u direttur ta' ruħha, hi waqt li kienet f'Ġerusalemm rat ir-ruħ ta' oħt P. Radò u ta' ommu mejtin fi Spanja; u għalkemm hi qatt ma rathom jew kienet tafhom, madankollu, qaltlu hekk ħwejjeġ fuqhom li juruk li tassew hi kienet rathom jew qegħda tarahom qisu f'xi xbieha tagħhom.

Jekk hekk tant drabi Pawlina, ma' tul ħajjitha, kellha dehriet ta' Qaddisin, tal-Martri Innoċenti, tal-Madonna u ta' l-istess Ġesù, x'għaġeb huwa li kienet tkun imfarrġa mill-Erwieħ tal-Purgatorju? U kemm mhux aktar għaġeb, li tkun imħabbta, imfixkla u maħqurha mill-Anġli Ħżiena, li huma d-demonji, għedewwa ta' dak kollu li huwa għamil tajjeb? Kienet iva, Pawlina, waslet hekk fil-għoli fil-kisba tal-qdusija li kienet ta' biża' kbir għad-demonji u ta' kbir faraġ għall-Erwieħ tal-Purgatorju.

## GRAZZJA MAQLUGĦA

**Mrs. E.G. minn San Ġiljan, tirringrazzja lid-Duluri tal-Kalvarju tal-grazzja li qalgħet għal ħlas tajjeb.**

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

## DELEGAT APPOSTOLIKU ĠDID GĦAL ĠERUSALEMM

Fil-11 ta' Awissu li għadda, mal-vapur Taljan "Enotria", wasal f'Hajfa, ir-Reverendissmu Mons. Piju Laghi, mibgħut mill-Q.T. il-Papa Pawlu VI, bħala Delegat Appostoliku ġdid għall-Palestina, f'Ġerusalemm. Bħala rappreżentant tal-Vatikan fis-saltniet ta' Iżrael u tal-Ġurdan huwa mistenni li jitlob u jiġi milqugħ mill-President Shazar u mir-Re Hussein ma jdumx

Monsinjur Laghi hu Taljan u kiseb karriera diplomatika bi tħarriġ li kellu f'Delegazzjonijiet u Nunzjaturi; serva lill-Vatikan f'ħafna pajjiżi, fosthom ukoll fl-Istati Uniti. L-Eċċ. Tiegħu Mons. Laghi qal lill-istampa: "Il-missjoni li tah biex iwettaq il-Papa Pawlu VI hi missjoni iebsa. Ikolli naħdem u nagħmel kull ma nista' biex naqdiha tajjeb għall-ġid tal-Knisja, tal-poplu u tal-paċi.

Id-Delegati Appostoliċi jiġu mibgħuta mill-Vatikan f'dawk in-nazzjonijiet li s-Santa Sede għad ma għandhiex relazzjonijiet diplomatiċi magħhom.

Kien hemm jilqgħu lill-Monsinjur Laghi l-Isqof Hanna Kaldany, Kap tal-Komunità Latina f'Iżrael, ir-Rev.mu Kustodju ta' l-Art Imqaddsa, Patri Erminju Roncari, O.F.M., l-Arċisqof J. Raya, Grieg Kattoliku, Mr. Michael Pragai, Ministru ta' l-Esteri, u Dr. Shaul Kolbi, Ministru għall-Affarijiet Reliġjużi, u ħafna Patrijiet oħra, Reliġjużi u Sorijiet.

## L-EĊĊ.ZA TIEGĦU REV.MA MONS. A. SEPINSKI, O.F.M.

L-ex-Delegat Appostoliku tal Palestina, Mons. Agostino Sepinski, gie mgħolli għall-kariga ta' Nunzju Appostoliku ta' l-Uruguai, u għall-ferħ li għamlitlu l-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, qabel ħalla l-Palestina, fit-8 ta' Mejju li għadda, wieġeb hekk lill-Patrijiet: "It-telegramm tagħkom ta' ferħ għan-nomina tiegħi ta' Nunzju Appostoliku fl-Uruguai, iġġagħalni nħoss f'qalbi bla tarf u jiena niżżik ħajr minn qalbi, kif ukoll niżżi ħajr lill-Kustodja ta' dak li għarfet u setgħet twettaq biex tgħin u tħaffef ix-xogħol tad-Delegat Appostoliku f'dawn it-tliet snin u nofs tal-qagħda tiegħi fit-Terra Santa.

"Sa nħalli dan ix-xogħol appostoliku biex immur hemm fejn il-fiduċja tal-Qdusija Tiegħu l-Papa għogbitha tibgħatni, imma dejjem u kull fejn inkun se nibqa' b'dik il-ġibda għall-Art Imbierka, fejn, jekk hemm ħafna x'jaħqrek, hemm ukoll ħafna xi jfakkrek f'Dak li kien hemm qabilna u fdiena wkoll bit-tbatijiet u bin-niket tiegħu.

"Għalik, għażiż Patri Delegat, għad diskretorju tal-Kustodju, għall-Patrijiet kollha li jaħdmu biex iżommu u jkabbru dejjem id-devozzjoni lejn is-Santwarji, imqaddsin minn Sidna Ġesù Kristu u mill-Omm tiegħu qaddisa, li tagħha llum qegħdin niċċelebraw il-festa tal-Medjazzjoni tagħha, it-tislima mill-qalb, imsieħba minn xewqat ta' xogħol ta' appostolat tassew għammieli fl-art ta' Ġesù waqt li b'qima reliġjuża nistqarr ruħi,

Devotissimu tagħkom,
† AGOSTINO SEPINSKI, O.F.M.

Lill-W.R.P.
P. Erminju Roncari, O.F.M.,
President tal-Kustodja,
Kunvent SS.mu Salvatur,
Ġerusalemm.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nleshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

SLIEMA (Stella Maris): Pawla u Lwiġi Cordina; Carmela Busuttil; Mari, Paolo u Ġanni Eldom; Giovanna Busuttil; Carmelo u Michele Borg; Joseph u Cettina Delicata; Stella Camilleri; Ġovanna Callus; Paolo u Teodora Callus; Giuseppe u Vincent Cassar; Caterina Desira; Salvatore Desira; Carmela, Marietta u Carmelo Aquilina; Michelina Chircop; Angelo Ciangura; Giovanna u Giuseppe Damato; Emmanuele, Teresa, Felice u Giuseppe Said Borda; Mariano, Pasqualino, Feliciano u Assuero Chetcuti; Marianna, Margerita, Annunziato, Giuseppino, Baldasare, Giuda Taddeo Muscat; Stella, Rosaria, Marylene, Elisabeth, Antonio, Gerardo, Serafina u Giuditta Grech; Ivon, Dionisia, Susanna, Ruth, Mamuele, Gracy, Smmanuela, Spira Sammut; Baldassare, Nicola, Dionisio, Rita, Ethel, Margerita, Emmanuele u George Buhagiar; Anna, Maria Concetta, Mananni, Annunziata, Giovanni, Francesco, Domenico Said; Adele Mifsud; Gabriele Muscat; Adolfo Chetcuti; Stella Agius; Filomena u Caterina Micallef; Giuseppi Assuero, Sebastiano Buhagiar; Marianna u Giuseppina Magro; Agostino, Maddalena, Serafina u Lorenzo Azzopardi; Emmanuele, Annunziata u Nicolina Cordina; Adriana, Michelina, Giovanna u Dionisio Gerada; Agostino, Maria, Daniele, Spiridione, Giorgio, Pio, Mansueto, Arthuro, Marco u Ġuża Borg.

SLIEMA (San Girgor): — Carmelo u Innocenza Calleja; Paul, Formosa; Mary Azzopardi; George Spiteri; Carmelo, Michele, Caterina, Carmela u Manwel Xerri; Alfred Zammit Tabona; Salvino u Maria Debono; Beatrice u George Borg; Alexander Azzopardi; Carmela u George Grech; Carmela Debono; John Griscti; Grace Griscti; John Bonavia.

VALLETTA (Santu Wistin): — Luigi De Silvio; Teresa Borg; Raffaele Gabarretta; Luigi Vella; Nunzia De Silvio; Carmela Sultana; Giuseppe Cachia; Maria Debono; Carmela Mifsud; Rosaria Said; Caterina Demanuele; Maria Stella Cachia; Emmanuele Cachia; Emmanuele Calleja; Nicola Biancardi; Spiridione Biancardi; Maria Luisa Cachia; Mary Cachia; Emmanuela Cachia; Emmanuela Vella; Giovanni Vassallo; Antonio Vassallo; Angelo u Giuseppa Cauchi.

QORMI (San Sebastjan): — Roaria u George Sultana; Carmelo u Rosaria Debono; Carmela Scicluna; Maria Farrugia; Giuseppe, Lorenzo u Michele Zammit; Felice Mizzi; Pina u Anthony Camilleri; Giovanni, Angiolino, Angiolina, Filomena, Francesco, Ludgarda, Vincenzo, Maria, Teresa Sammut Busuttil Borg; Rosaria, Indri, Carmela Vella; Maria Falzon; Carmelo Thewma; Rosaria Darmanin; Caterina, George u Rosaria Cardona; Maria u George Vella.

ŻURRIEQ (Santa Katerina): — Emmanuele Mula; Maria Mula; Francesco Mallia; Paola, Salvatore u Giuseppi Griscti; Emmanuela Grima; Sebastiana Cordina; Giuditta Cassar.

PAOLA: — Concetta Borg; Antonio u Carmela Cordina; Paolo Cassar; Carmela, Giovanni, Felice Cassar; Filomena Camenzuli; Giovanna u Edgar Cassar; Ruth Camenzuli; Antonio, Giuseppe u Paolo Grima.

GUDJA: — Marianna Azzopardi, Giovanna Muscat; Giuseppe Borg.

ĦAMRUN (San Gejtanu): — Paolo, Giuseppa u Antonio Cutajar; Cetta u Carmelo Farrugia; Grazia u Giuseppe Buttigieg; Louis u Ġuża Vella; Salvatore, Luigi, Emilia, Joseph, Caterina, Evelina u Joseph Ciancio; Carmela Zammit; Rosa Vella; Sebastiano Ellul; Emilia Buhagiar; Carmelina Cassar; Giuseppina Mifsud; Valentina Saliba; Giuditta Cordina; Elisabeth Azzopardi.

KIRKOP: — Emiliana Mifsud; Gabriella Agius; Nioletta Magro; Eusebia Cassar; Giuseppina u Paola Camilleri; Georgia u Salvatore Buhagiar.

MQABBA: — Maria u Inncoenzo Sciberras; Agostina D'Emanuele; Vincenzo u Maria Sciberras; Amabile Vella; Anacleto Sciberras; Giuditta Cordina; Emmanuele Buhagiar; Caterina Aquilina; Manann̈i Cordina; Marianna Grima; Samuele Camilleri; Giuseppe, Maria u Giovanni Ellul.

GĦAWDEX: — Giueppe u Margherita Bonello; Beatrice u Caterina Saliba; Annunziata, Maria u Salvina Demicoli; Giuditta, Emmanuela u Tonina Buttigieg; Manann̈i, Cettina u Hilda Mifsud; Giuseppe u Gaetano Sammut; Francesco, Spiridione, u Alessio Cordina; Nicola, Agostino, Dionisio u Marianna Mintoff; George, Giovanni, Emmanuela u Vittoria Camilleri; Tommaso, Arturo u Gioacchino Grixti; Serafina u Serafino Buhagiar; Francesco, Giuditta, Emmanuele, Caterina u Giovanna Buttigieg; Filomena u Georgia Chetcuti; Rita, Serafino, Polly u Mary Saliba; Gesuarda, Olinda u Beatrice Mifsud.

MARSA: — Luigi, Caterina, Giovanna, Luigiaa u Francesco Pace; John u Joseph Saliba; Giovanna Gatt; Doris Grech; Anthony Grima.

*Min-naħa tagħna 'nizguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem millquddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*